Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 292

Volum 60

Edizzjoni bil-Malti — Leġiżlazzjoni — 10 ta' Novembru 2017

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2009 tas-7 ta' Novembru 2017 li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti ("Quartirolo Lombardo" (DOP))** 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2010 tad-9 ta' Novembru 2017 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika dwar l-enerġija, fir-rigward tal-aġġornamenti tal-istatistika dwar l-enerġija annwali u ta' kull xahar** ([1]) 3

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2011 tad-9 ta' Novembru 2017 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 951/2007 li jistabbilixxi r-regoli tal-implimentazzjoni tal-programmi ta' kooperazzjoni transkonfinali ffinanzjati fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** 55

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2012 tas-7 ta' Novembru 2017 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/232/UE li tawtorizza lir-Rumanija biex tapplika miżuri ta' deroga mill-Artikolu 26(1)(a) u l-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud** 57

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2013 tas-7 ta' Novembru 2017 li tawtorizza lir-Renju tan-Netherlands jintroduċi miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud** 59

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2014 tat-8 ta' Novembru 2017 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq li ġarrbu l-Istati Membri fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (l-FAEG) u fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (l-FAEŻR)** *(notifikata bid-dokument C(2017) 7263)* 61

Rettifika

★ **Rettifika għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1018 tad-29 ta' Ġunju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-informazzjoni li trid tiġi nnotifikata mid-ditti tal-investiment, l-operaturi tas-suq u l-istituzzjonijiet ta' kreditu** (ĠU L 155, 17.6.2017) 119

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2009

tas-7 ta' Novembru 2017

li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti ("Quartirolo Lombardo" (DOP))

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) B'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni tal-Italja għall-approvazzjoni ta' emenda fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott tad-denominazzjoni ta' oriġini protetta "Quartirolo Lombardo", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 ([2]).

(2) Peress li l-emenda konċernata mhix minuri fit-tifsira tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, b'konformità mal-Artikolu 50(2)(a) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni ppubblikat l-applikazzjoni għal emenda, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]).

(3) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, u għalhekk jenħtieġ li l-emenda fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-emenda fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* li tikkonċerna d-denominazzjoni "Quartirolo Lombardo" (DOP) hija approvata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 tat-12 ta' Ġunju 1996 dwar ir-reġistrazzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi u ta' denominazzjonijiet ta' oriġini taħt il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 (ĠU L 148, 21.6.1996, p. 1)
([3]) ĠU C 205, 29.6.2017, p. 62.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Novembru 2017.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Phil HOGAN

Membru tal-Kummissjoni

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2010

tad-9 ta' Novembru 2017

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika dwar l-enerġija, fir-rigward tal-aġġornamenti tal-istatistika dwar l-enerġija annwali u ta' kull xahar

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar l-istatistika dwar l-enerġija ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 4(3) u 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1099/2008 jistabbilixxi qafas komuni għall-produzzjoni, it-trażmissjoni, l-evalwazzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika komparabbli tal-enerġija fl-Unjoni.

(2) L-istatistika dwar l-enerġija tikkonsisti f'dominju statistiku dinamiku ferm minħabba l-iżvilupp intensiv tal-politiki tal-Unjoni, il-progress teknoloġiku u l-importanza li l-miri tal-Unjoni jissejsu fuq dejta dwar l-enerġija. Għaldaqstant, għandhom isiru aġġornamenti regolari sabiex l-ambitu tal-istatistika jiġi allinjat mal-ħtiġijiet li dejjem jikbru jew jinbidlu.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1099/2008 ta lill-Kummissjoni s-setgħa li taġġusta l-ambitu tal-istatistika. Fid-dawl tal-fatt li saru aġġustamenti u titjib ġodda kemm fl-istatistika ta' kull xahar kif ukoll f'dik annwali, dawn l-aġġustamenti u t-titjib għandhom ikunu riflessi fir-Regolament (KE) Nru 1099/2008.

(4) Dan ir-Regolament, fost l-oħrajn, jimmodifika l-kodiċi ta' numerazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1099/2008. Għall-finijiet tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1504 ([2]), huwa importanti li jiġi ddikjarat li s-sustanza tal-oġġetti li għalihom ingħataw derogi ma nbidlitx iżda nbidel biss il-kodiċi ta' numerazzjoni tagħhom. Għalhekk, ir-referenzi għall-kodiċijiet elenkati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1504 għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-oġġetti korrispondenti ta' dan ir-Regolament.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 1099/2008 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-annessi tar-Regolament (KE) Nru 1099/2008 qed jinbidlu bit-test stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 304, 14.11.2008, p. 1.
([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1504 tas-7 ta' Settembru 2015 li tagħti derogi lil ċerti Stati Membri fir-rigward tal-provvediment tal-istatistika skont ir-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika dwar l-enerġija (ĠU L 235, 9.9.2015, p. 24).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Novembru 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

"ANNESS A

KJARIFIKI TAT-TERMINOLOĠIJA

Dan l-Anness jipprovdi spjegazzjonijiet, noti ġeografiċi jew definizzjonijiet tat-termini użati fl-Annessi l-oħra, diment li ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dawn l-Annessi.

1. NOTI ĠEOGRAFIĊI

Għal finijiet ta' rapportaġġ statistiku biss, japplikaw id-definizzjonijiet ġeografiċi li ġejjin:

— l-Awstralja teskludi t-territorji esterni tagħha,

— id-Danimarka teskludi l-Gżejjer Faroe u Greenland,

— Franza tinkludi Monaco u tinkludi d-dipartimenti Franċiżi *extra*-Ewropej ta' Guadeloupe, — Martinique, Guyane, Reunion u Mayotte,

— l-Italja tinkludi San Marino u l-Vatikan (is-Santa Sede),

— il-Ġappun jinkludi Okinawa,

— il-Portugall jinkludi Açores u Madeira,

— Spanja tinkludi l-Gżejjer Kanarji, il-Gżejjer Balearići, u Ceuta u Melilla,

— l-Istati Uniti jinkludu l-50 Stat, id-Distrett ta' Columbia, il-Gżejjer Verġni tal-Istati Uniti, Puerto Rico u Guam.

2. AGGREGATI

Il-produtturi tal-elettriku u s-sħana huma kklassifikati skont l-għan tal-produzzjoni:

— **Il-produtturi ta' attività ewlenija** huma produtturi, kemm ta' proprjetà privata kif ukoll ta' proprjetà pubblika, li jiġġeneraw l-elettriku u/jew is-sħana għal bejgħ lil partijiet terzi, bħala l-attività ewlenija tagħhom,

— **L-awtoprodutturi** huma produtturi, kemm ta' proprjetà privata kif ukoll ta' proprjetà pubblika, li jiġġeneraw elettriku u/jew sħana b'mod sħiħ jew b'mod parzjali għall-użu tagħhom stess bħala attività li tappoġġja l-attività primarja tagħhom.

Nota: il-Kummissjoni tista' tiċċara aktar it-terminoloġija billi żżid referenzi tan-NACE rilevanti skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 11(2) wara li tkun daħlet fis-seħħ reviżjoni tal-klassifikazzjoni tan-NACE.

2.1. Provvista

2.1.1. IL-PRODUZZJONI/PRODUZZJONI INDIĠENA

Il-kwantitajiet ta' fjuwils estratti jew prodotti, ikkalkulati wara kull operazzjoni għat-tneħħija ta' materja inerti. Il-produzzjoni tinkludi l-kwantitajiet ikkunsmati mill-produttur fil-proċess tal-produzzjoni (eż. għat-tisħin jew għat-tħaddim tat-tagħmir u tal-awżiljarji) kif ukoll il-provvisti għal produtturi tal-enerġija oħrajn għat-trasformazzjoni jew għal użi oħrajn.

Il-mezzi indiġeni: il-produzzjoni mir-riżorsi fit-territorju kkonċernat.

2.1.2. PRODOTTI RKUPRATI

Japplika għal faħam iebes biss. Slurries u xejl tal-munzelli tal-iskart irkuprati mill-minjieri.

2.1.3. IRĊEVUTI MINN SORSI OĦRA

Kwantitajiet ta' fjuwils li l-produzzjoni tagħhom hija koperta f'rappurtar dwar fjuwil ieħor, iżda li huma mħallta fi fjuwil ieħor u kkunsmati bħala taħlita. Dettalji ulterjuri ta' dan il-komponent għandhom jiġu pprovduti bħala:

— Irċevuti minn sorsi oħra: Faħam

— Irċevuti minn sorsi oħra: Żejt u prodotti taż-żejt mhux maħdum

— Irċevuti minn sorsi oħra: Gass Naturali

— Irċevuti minn sorsi oħra: Riżorsi rinnovabbli

2.1.4. IMPORTAZZJONIJIET/ESPORTAZZJONIJIET

Ħlief jekk speċifikat mod ieħor, "importazzjonijiet" għandha tirriferi għall-oriġini finali (il-pajjiż fejn ikun sar il-prodott tal-enerġija) għal użu fil-pajjiż u "esportazzjonijiet" għall-pajjiż finali tal-konsum tal-prodott tal-enerġija li jkun sar. L-ammonti jitqiesu bħala importati jew esportati meta jkunu qasmu l-fruntieri politiċi tal-pajjiż, kemm jekk kien hemm awtorizzazzjoni doganali u kemm jekk le.

Fejn ma tista' tiġi rrapportata l-ebda oriġini jew destinazzjoni tista' tintuża "Mhux speċifikata/Oħrajn".

2.1.5. IL-BUNKERS TAL-BAĦAR INTERNAZZJONALI

Il-kwantitajiet ta' fjuwils ikkonsenjati lil bastimenti, itajru liema bandiera jtajru, li jintużaw fit-tbaħħir internazzjonali. In-navigazzjoni internazzjonali tista' ssir fuq il-baħar, fuq għadajjar u passaġġi tal-ilma interni, u f'ilmijiet kostali. Huma esklużi:

— il-konsum minn bastimenti involuti f'navigazzjoni domestika. Il-qasma domestika/internazzjonali għandha tiġi stabbilita abbażi tal-port tat-tluq u tal-port tal-wasla, u mhux skont il-bandiera jew in-nazzjonalità tal-bastiment;

— il-konsum minn bastimenti tas-sajd;

— il-konsum minn qawwiet militari.

2.1.6. BIDLIET FL-ISTOKK

Id-differenza bejn il-livell tal-istokk tal-ftuħ u l-livell tal-istokk tal-għeluq miżmum fit-territorju nazzjonali. Ħlief jekk ikun speċifikat mod ieħor, żieda fl-istokk tintwera bħala numru negattiv u tnaqqis fl-istokk jintwera bħala numru pożittiv.

2.1.7. L-ISTOKKS TOTALI TAL-FTUĦ U TAL-GĦELUQ FIT-TERRITORJU NAZZJONALI

L-istokks kollha fit-territorju nazzjonali, inklużi l-istokks miżmuma mill-gvernijiet, mill-konsumaturi ewlenin u mill-organizzazzjonijiet li jżommu l-istokks, l-istokks miżmuma abbord bastimenti tal-oċean li jkunu deħlin, l-istokks miżmuma f'żoni riżervati u l-istokks miżmuma għal oħrajn, kemm jekk skont ftehim governattiv bilaterali u kemm jekk le. Il-ftuħ u l-għeluq jirreferu għall-ewwel u għall-aħħar jum tal-perjodu ta' rappurtaġġ rispettiv tagħhom. L-istokk jinkludi stokks miżmuma f'kull tip ta' faċilità ta' ħażna speċjali, jew fuq is-superfiċe jew taħt l-art.

2.1.8. UŻU DIRETT

Żejt (żejt mhux raffinat u prodotti taż-żejt mhux maħdum) użat direttament mingħajr ma jiġi pproċessat f'raffineriji taż-żejt mhux maħdum. Jinkludi ż-żejt mhux raffinat maħruq għall-ġenerazzjoni tal-elettriku.

2.1.9. INPUTS TAL-PRODOTTI PRIMARJI

Jinkludu l-kwantitajiet ta' żejt mhux raffinat indiġenu jew importat (inkluż il-kondensat) u l-NGL indiġenu użati direttament mingħajr ma ġew ipproċessati f'raffinerija taż-żejt mhux maħdum u l-kwantitajiet tal-Flussi lura mill-industrija Petrokimika li, għalkemm mhux fjuwil primarju, jintużaw direttament.

2.1.10. PRODUZZJONI GROSSA TAR-RAFFINERIJA

Il-produzzjoni ta' prodotti finali f'raffinerija jew f'impjant tat-taħlit. Teskludi t-telf mir-raffineriji, imma tinkludi l-fjuwil tar-raffinerija.

2.1.11. PRODOTTI RRIĊIKLATI

Il-prodotti finali li jgħaddu għat-tieni darba min-netwerk tat-tqegħid fis-suq, wara li jkunu ġew ikkonsenjati darba lill-konsumaturi finali (eż. lubrikanti użati li qed jiġu pproċessati mill-ġdid). Dawn il-kwantitajiet għandhom jingħarfu mill-Flussi lura petrokimiċi.

2.1.12. FLUSSI LURA

Il-prodotti finali jew semifinali li jiġu rritornati mill-konsumaturi finali lir-raffineriji għall-ipproċessar, għat-taħlit jew għall-bejgħ. Ġeneralment ikunu prodotti sekondarji tal-manifattura petrokimika.

2.1.13. TRASFERIMENTI TAL-INTERPRODOTTI

Il-kwantitajiet li ġew ikklassifikati mill-ġdid jew minħabba li l-ispeċifikazzjoni tagħhom inbidlet jew minħabba li ġew imħallta fi prodott ieħor. Annotazzjoni negattiva għal prodott wieħed tiġi kkumpensata b'annotazzjoni pożittiva (jew b'diversi annotazzjonijiet) għal prodott wieħed jew għal diversi prodotti u viċi versa; l-effett nett totali għandu jkun ta' żero.

2.1.14. PRODOTTI TTRASFERITI

Il-prodotti taż-żejt mhux maħdum importati li jiġu kklassifikati mill-ġdid bħala materja prima għal aktar ipproċessar fir-raffinerija, mingħajr ma jiġu kkonsenjati lill-konsumaturi finali.

2.1.15. DIFFERENZI STATISTIĊI

Valur ikkalkulat, definit bħala d-differenza bejn il-kalkolu mill-perspettiva tal-provvista (approċċ minn fuq għal isfel) u l-kalkolu mill-perspettiva tal-konsum (approċċ minn isfel għal fuq). Għandhom jiġu ddikjarati r-raġunijiet għal kwalunkwe differenza statistika ewlenija.

2.2. **Settur tat-trasformazzjoni**

Fis-settur tat-trasformazzjoni, il-kwantitajiet ta' fjuwils li ġew ittrasformati fi fjuwils oħra biss għandhom jiġu rrappurtati. Il-kwantitajiet ta' fjuwils użati għat-tisħin, it-tħaddim ta' tagħmir u b'mod ġenerali b'appoġġ tat-trasformazzjoni ma għandhomx jiġu ddikjarati fit-trasformazzjoni, iżda għandhom jiġu ddikjarati fis-settur tal-Enerġija.

2.2.1. PRODUTTUR TA' ATTIVITÀ EWLENIJA TAL-ELETTRIKU BISS

Kwantitajiet ta' fjuwils użati għall-produzzjoni ta' elettriku f'unitajiet/impjanti tal-elettriku biss minn Produtturi ta' Attività Ewlenija.

2.2.2. UNITAJIET TAS-SĦANA U TAL-ENERĠIJA KKOMBINATI (CHP) TAL-PRODUTTUR TAL-ATTIVITÀ EWLENIJA

Kwantitajiet ta' fjuwils użati biex ikunu prodotti l-elettriku u/jew is-sħana f'unitajiet ta' CHP minn Produtturi ta' Attività Ewlenija.

2.2.3. PRODUTTUR TA' ATTIVITÀ EWLENIJA TAS-SĦANA BISS

Kwantitajiet ta' fjuwils użati għall-produzzjoni ta' sħana f'unitajiet/impjanti tas-sħana biss minn Produtturi ta' Attività Ewlenija.

2.2.4. AWTOPRODUTTUR TAL-ELETTRIKU BISS

Kwantitajiet ta' fjuwils użati għall-produzzjoni ta' elettriku f'unitajiet/impjanti ta' elettriku biss minn Awtoprodutturi.

2.2.5. UNITAJIET TAS-SĦANA U TAL-ENERĠIJA KKOMBINATI (CHP) TAL-AWTOPRODUTTURI

Il-kwantitajiet kollha ta' fjuwils użati għall-produzzjoni tal-elettriku u l-parti proporzjonali ta' fjuwils użati biex tiġi prodotta sħana mibjugħa f'unitajiet ta' CHP minn Awtoprodutturi. Il-parti proporzjonali ta' fjuwils użata għall-produzzjoni ta' sħana li ma ġietx mibjugħa (sħana awtokkunsmata) għandha tiġi rrappurtata skont is-settur speċifiku ta' konsum finali tal-enerġija abbażi tal-klassifikazzjoni tan-NACE. Sħana mhux mibjugħa iżda kkonsenjata lil entitajiet oħra taħt ftehimiet non-finanzjarji jew lil entitajiet bi sjieda differenti għandha tiġi rrappurtata fuq l-istess prinċipju bħal sħana mibjugħa.

2.2.6. AWTOPRODUTTUR TAS-SĦANA BISS

Il-parti proporzjonali ta' fjuwils li tikkorrispondi għall-kwantità ta' sħana mibjugħa f'unitajiet/impjanti ta' sħana biss minn Awtoprodutturi. Il-parti proporzjonali ta' fjuwils użata għall-produzzjoni ta' sħana li ma ġietx mibjugħa (sħana awtokkunsmata) għandha tiġi rrappurtata skont is-settur speċifiku ta' konsum finali tal-enerġija abbażi tal-klassifikazzjoni tan-NACE. Sħana mhux mibjugħa iżda kkonsenjata lil entitajiet oħra taħt ftehimiet non-finanzjarji jew lil entitajiet bi sjieda differenti għandha tiġi rrappurtata fuq l-istess prinċipju bħal sħana mibjugħa.

2.2.7. IMPJANTI TAL-FJUWIL BIL-PRIVATTIVA

Kwantitajiet ta' fjuwils użati f'impjanti ta' fjuwil bil-privattiva biex jiġi prodott fjuwil bil-privattiva.

2.2.8. FRAN TAL-KOKK

Kwantitajiet ta' fjuwils użati fi fran tal-kokk biex jiġu prodotti kokk tal-fran tal-kokk u gass minn fran tal-kokk.

2.2.9. IMPJANTI TAL-BKB/PB

Kwantitajiet ta' fjuwils użati biex jiġu prodotti mattunelli tal-faħam kannella (BKB) f'impjanti tal-BKB u kwantitajiet ta' fjuwils użati f'impjanti tal-mattunnelli tal-pit biex jiġu prodotti mattunelli tal-pit (PB).

2.2.10. IMPJANTI TAL-MANIFATTURA TAL-GASS

Kwantitajiet ta' fjuwils użati biex jiġi prodott il-gass tal-impjanti tal-gass f'impjanti tal-manifattura tal-gass u f'impjanti għall-gassifikazzjoni tal-faħam.

2.2.11. KALKARA TAL-FUNDERIJA

Kwantitajiet ta' fjuwils li jidħlu f'reċipjent ta' kalkara tal-funderija, kemm jekk mill-għatu flimkien mal-mineral tal-ħadid, kif ukoll jekk permezz tat-tuyeres fil-qiegħ flimkien mal-arja tal-blast imsaħħna.

2.2.12. LIKWIFAZZJONI TAL-FAĦAM

Kwantitajiet ta' fjuwil użati biex ikun prodott żejt sintetiku.

2.2.13. IMPJANTI TAL-GASS GĦAL LIKWIDU

Kwantitajiet ta' fjuwils gassużi konvertiti fi fjuwils likwidi.

2.2.14. IMPJANT TAL-PRODUZZJONI TAL-FAĦAM TAL-KANNOL

Kwantitajiet ta' bijofjuwils solidi konvertiti f'faħam tal-kannol.

2.2.15. RAFFINERIJI TAŻ-ŻEJT MHUX MAĦDUM

Kwantitajiet ta' fjuwils użati biex jiġu mmanifatturati prodotti taż-żejt mhux maħdum.

2.2.16. IMPJANTI TAT-TAĦLIT TA' GASS NATURALI (GĦAL GASS NATURALI MĦALLAT)

Kwantitajiet ta' gassijiet imħallta ma' gass naturali għal ġon-netwerk tal-gass (in-netwerk tal-gass).

2.2.17. GĦAL TAĦLIT MA' GAŻOLINA TAL-MAGNI/DIŻIL/PITROLJU:

Kwantitajiet ta' bijofuwils likwidi mħallta mal-kontropartijiet fossili tagħhom.

2.2.18. MHUX SPEĊIFIKAT BAND'OĦRA

Kwantitajiet ta' fjuwils użati għal attivitajiet ta' trasformazzjoni li mhumiex inklużi band'oħra. Jekk jintuża, dak li jiġi inkluż taħt din l-intestatura għandu jiġi spjegat fir-rapport.

2.3. **Settur tal-enerġija**

Kwantitajiet ikkunsmati mill-industrija tal-enerġija biex isostnu l-operazzjonijiet ta' estrazzjoni (tħaffir fil-minjieri, produzzjoni taż-żejt u tal-gass) jew tal-impjanti ta' attivitajiet ta' trasformazzjoni. Dan jikkorrispondi għal NACE Rev. 2 Diviżjonijiet 05, 06, 19 u 35, NACE Rev. 2 Grupp 09.1 u NACE Rev. 2 klassijiet 07.21 u 08.92.

Jeskludi l-kwantitajiet ta' fjuwils ittrasformati f'forma ta' enerġija oħra (li għandha tiġi rrappurtata fis-Settur tat-Trasformazzjoni) jew użati biex isostnu t-tħaddim tal-pipelines tat-taħlitiet (slurries) biż-żejt, gass u faħam (li għandhom jiġu rrappurtati fis-Settur tat-Trasport).

Jinkludi l-manifattura ta' materjali kimiċi għall-fissjoni u għall-fużjoni atomika u l-prodotti ta' dawn il-proċessi.

2.3.1. UŻU MILL-IMPJANTI STESS TAL-ELETTRIKU, TAS-CHP U TAS-SĦANA

Kwantitajiet ta' fjuwils ikkunsmati bħala enerġija għal operazzjonijiet ta' sostenn f'impjanti ta' Elettriku biss, Sħana biss u unitajiet ta' CHP.

2.3.2. MINJIERI TAL-FAĦAM

Kwantitajiet ta' fjuwils ikkunsmati bħala enerġija biex isostnu l-estrazzjoni u l-preparazzjoni tal-faħam fl-industrija tat-thaffir fil-minjieri għall-faħam. Il-faħam maħruq f'impjanti tal-enerġija fid-dħul għal minjiera tal-faħam għandu jiġi rrappurtat fis-Settur tat-Trasformazzjoni.

2.3.3. IMPJANTI TAL-FJUWIL BIL-PRIVATTIVA

Kwantitajiet ta' fjuwils ikkunsmati bħala enerġija biex isostnu operazzjonijiet f'impjanti tal-fjuwil bil-privattiva.

2.3.4. FRAN TAL-KOKK

Kwantitajiet ta' fjuwils ikkunsmati bħala enerġija biex isostnu operazzjonijiet fi fran tal-kokk (impjanti għall-kokk).

2.3.5. IMPJANTI TAL-BKB/PB

Kwantitajiet ta' fjuwils użati bħala enerġija biex isostnu operazzjonijiet f'impjanti BKP/PB (impjant tal-agglomerazzjoni).

2.3.6. IMPJANTI TAL-MANIFATTURA TAL-GASS/IMPJANTI TAL-GASSIFIKAZZJONI

Kwantitajiet ta' fjuwils ikkunsmati bħala enerġija biex isostnu operazzjonijiet f'impjanti tal-manifattura tal-gass u impjanti tal-gassifikazzjoni tal-faħam.

2.3.7. KALKARA TAL-FUNDERIJA

Kwantitajiet ta' fjuwils ikkunsmati bħala enerġija biex isostnu operazzjonijiet f'kalkara tal-funderija.

2.3.8. LIKWIFAZZJONI TAL-FAĦAM

Kwantitajiet ta' fjuwils ikkunsmati bħala enerġija biex isostnu operazzjonijiet f'impjanti ta' likwefazzjoni tal-faħam.

2.3.9. LIKWEFAZZJONI (LNG)/RIGASSIFIKAZZJONI

Kwantitajiet ta' fjuwils ikkunsmati bħala enerġija biex isostnu operazzjonijiet f'impjanti ta' likwefazzjoni tal-gass naturali u ta' rigassifikazzjoni.

2.3.10. IMPJANTI TA' GASSIFIKAZZJONI (IL-BIJOGASS)

Kwantitajiet ta' fjuwils ikkunsmati bħala enerġija biex isostnu operazzjonijiet f'impjanti ta' gassifikazzjoni tal-bijogass.

2.3.11. IMPJANTI TAL-GASS GĦAL-LIKWIDU (IL-GTL)

Kwantitajiet ta' fjuwils ikkunsmati bħala enerġija biex isostnu operazzjonijiet f'impjanti ta' konverżjoni tal-gass għal-likwidu.

2.3.12. IMPJANTI TAL-PRODUZZJONI TAL-FAĦAM TAL-KANNOL

Kwantitajiet ta' fjuwils ikkunsmati bħala enerġija biex isostnu operazzjonijiet f'impjanti tal-produzzjoni tal-faħam tal-kannol.

2.3.13. RAFFINERIJI TAŻ-ŻEJT MHUX MAĦDUM

Kwantitajiet ta' fjuwils ikkunsmati bħala enerġija biex isostnu operazzjonijiet f'raffineriji taż-żejt mhux maħdum.

2.3.14. ESTRAZZJONI TAŻ-ŻEJT U TAL-GASS

Kwantitajiet ta' fjuwils ikkunsmati fil-faċilitajiet ta' estrazzjoni taż-żejt u l-gass naturali. Eskluż it-telf mill-pipelines (li għandu jiġi rrapportat bħala telf mid-distribuzzjoni) u l-kwantitajiet tal-enerġija użata biex jitħaddmu l-pipelines (li għandhom jiġu rrapportati fis-settur tat-Trasport).

2.3.15. MHUX SPEĊIFIKAT BAND'OĦRA — ENERĠIJA

Kwantitajiet ta' fjuwils relatati ma' attivitajiet ta' enerġija mhux inklużi band'oħra. Jekk jintuża, dak li jiġi inkluż taħt din l-intestatura għandu jiġi spjegat fir-rapport.

2.4. **Telf mid-Distribuzzjoni**

Kwantitajiet ta' telf ta' fjuwil li jseħħ minħabba trasport u distribuzzjoni.

2.5. **Konsum finali mhux tal-enerġija**

Kwantitajiet ta' fjuwils fossili użati għal finijiet mhux ta' enerġija — fjuwils mhux maħruqa.

2.6. **Konsum Finali ta' Enerġija (speċifikazzjonijiet ta' użu aħħari)**

2.6.1. SETTUR TAL-INDUSTRIJA

Dan jirreferi għall-kwantitajiet ta' fjuwil ikkunsmati mill-intrapriża industrijali biex issostni l-attivitajiet primarji tagħha.

Għall-unitajiet ta' sħana biss jew ta' CHP, il-kwantitajiet ta' fjuwils ikkunsmati għall-produzzjoni ta' sħana użata mill-entità nnifisha (sħana awtokkunsmata) biss għandhom jiġu rrappurtati. Il-kwantitajiet ta' fjuwils ikkunsmati għall-produzzjoni ta' sħana mibjugħa, u għall-produzzjoni tal-elettriku, għandhom jiġu rappurtati taħt is-settur tat-trasformazzjoni xieraq.

2.6.1.1. Ħadid u Azzar: NACE Rev. 2 Gruppi 24.1, 24.2 u 24.3; u NACE Rev. 2 Klassijiet 24.51 u 24.52.

2.6.1.2. Sustanzi Kimiċi u Petrokimiċi: NACE Rev. 2 Diviżjonijiet 20 u 21.

2.6.1.3. Metalli li ma fihomx ħadid: NACE Rev. 2 Grupp 24.4; u NACE Rev. 2 Klassijiet 24.53 u 24.54.

2.6.1.4. Minerali li mhumiex metalliċi: NACE Rev. 2 Diviżjoni 23.

2.6.1.5. Tagħmir tat-Trasport: NACE Rev. 2 Diviżjonijiet 29 u 30.

2.1.6.6. Makkinarju: NACE Rev. 2 Diviżjonijiet 25, 26, 27 u 28.

2.6.1.7. Tħaffir fil-Minjieri u l-Barrieri: NACE Rev. 2 Diviżjonijiet 07 (eskluż 07.21) u 08 (eskluż 08.92); NACE Rev. 2 Grupp 09.9.

2.6.1.8. Ikel, Xorb u Tabakk: NACE Rev. 2 Diviżjonijiet 10, 11 u 12.

2.6.1.9. Polpa, Karti u Stampar: NACE Rev. 2 Diviżjonijiet 17 u 18.

2.6.1.10. Injam u Prodotti tal-Injam: NACE Rev. 2 Diviżjoni 16.

2.6.1.11. Kostruzzjoni: NACE Rev. 2 Diviżjoni 41, 42 u 43.

2.6.1.12. Tessuti u Ġilda: NACE Rev. 2 Diviżjonijiet 13, 14 u 15.

2.6.1.13. Mhux Speċifikat Band'Oħra — Industrija: NACE Diviżjonijiet 22, 31 u 32

2.6.2. SETTUR TAT-TRASPORT

Enerġija użata fl-attivitajiet ta' trasport kollha rrispettivament mill-kategorija NACE (settur ekonomiku) fejn isseħħ l-attività. Fjuwils użati għat-tisħin u l-illuminazzjoni fi stazzjonijiet tal-ferrovija, stazzjonijiet tax-xarabanks, mollijiet tal-bastimenti u ajruporti għandhom jiġu rrappurtati f'"Servizzi Kummerċjali u Pubbliċi" u mhux fis-settur tat-Trasport.

2.6.2.1. Ferroviji

Kwantitajiet ta' fjuwils użati mit-traffiku tal-ferroviji, inklużi ferroviji industrijali u trasport bil-ferroviji bħala parti minn sistemi ta' trasport urbani u suburbani (pereżempju ferroviji, trams, metro).

2.6.2.2. Navigazzjoni Domestika

Il-kwantitajiet ta' fjuwils ikkonsenjati lil bastimenti, itajru liema bandiera jtajru, li mhumiex involuti fi tbaħħir internazzjonali (ara l-Bunkers tal-baħar internazzjonali). Il-qasma domestika/internazzjonali għandha tiġi stabbilita abbażi tal-port tat-tluq u tal-port tal-wasla, u mhux skont il-bandiera jew in-nazzjonalità tal-bastiment.

2.6.2.3. Fuq it-triq

Kwantitajiet ta' fjuwils użati f'vetturi tat-triq. Inkluż fjuwil użat minn vetturi agrikoli fuq l-awtostradi u l-lubrikanti għall-użu f'vetturi tat-triq.

Teskluża l-enerġija użata f'magni stazzjonarji (ara s-settur Oħrajn), fit-trekters imma mhux fl-awtostradi (ara Agrikoltura), għal użu militari f'vetturi tat-triq (ara s-settur Oħrajn — Mhux Speċifikat Band'Oħra), għall-bitumen użat fil-kisi tat-toroq u għall-enerġija użata f'magni f'siti ta' kostruzzjoni (ara l-Kostruzzjoni, subsettur tal-Industrija).

2.6.2.4. Trasport mill-Pipelines

Kwantitajiet ta' fjuwils użati bħala enerġija fl-appoġġ u fit-tħaddim ta' pipelines li jittrasportaw gassijiet, likwidi, slurries u komoditajiet oħrajn. Inkluża l-enerġija użata għall-istazzjonijiet tal-fjuwil u għall-manutenzjoni tal-pipelines. Eskluża l-enerġija użata għad-distribuzzjoni permezz tal-pipelines ta' gass naturali jew gass manifatturat, il-misħun jew l-istim mid-distributur għall-utenti finali (li għandu jiġi rrappurtat fis-settur tal-enerġija), l-enerġija użata għad-distribuzzjoni finali tal-ilma lill-utenti fl-unitajiet domestiċi, lill-utenti industrijali, lill-utenti kummerċjali u lil utenti oħrajn (li għandhom jiġu inklużi fis-Servizzi Kummerċjali/Pubbliċi) u t-telf li jiġri waqt dan it-trasport bejn id-distributur u l-utenti finali (li għandu jiġi rrappurtat bħala telf mid-distribuzzjoni).

2.6.2.5. Avjazzjoni Internazzjonali

Kwantitajiet ta' fjuwils ikkonsenjati lil inġenji tal-ajru għal avjazzjoni internazzjonali. Il-qasma bejn id-domestiku u l-internazzjonali għandha tkun stabbilita abbażi ta' minn fejn jittajjar u fejn jinżel il-mezz u mhux skont in-nazzjonalità tal-linja tal-ajru. Huma esklużi l-fjuwils użati mil-linji tal-ajru għall-vetturi tat-triq tagħhom (li għandhom jiġu rrappurtati f'Mhux Speċifikat Band'Oħra — Trasport) u għall-użu militari ta' fjuwils għall-avjazzjoni (li għandu jiġi rrappurat f'Mhux Speċifikat Band'Oħra — Oħra).

2.6.2.6. Avjazzjoni Domestika

Kwantitajiet ta' fjuwils ikkonsenjati lil inġenji tal-ajru għal avjazzjoni domestika. Huwa inkluż il-fjuwil użat għal finijiet mhux ta' titjiriet, eż. l-ittestjar ta' qabel tal-magni. Il-qasma bejn id-domestiku u l-internazzjonali għandha tkun stabbilita abbażi ta' minn fejn jittajjar u fejn jinżel il-mezz u mhux skont in-nazzjonalità tal-linja tal-ajru. Dan jinkludi vjaġġi ta' tul konsiderevoli bejn żewġ ajruporti f'pajjiż b'territorji *extra*-Ewropej. Huma esklużi l-fjuwils użati mil-linji tal-ajru għall-vetturi tat-triq tagħhom (li għandhom jiġu rrappurtati f'Mhux Speċifikat Band'Oħra — Trasport) u l-użu militari ta' fjuwils għall-avjazzjoni (li għandu jiġi rrappurtat f'Mhux Speċifikat Band'Oħra — Oħra).

2.6.2.7. Mhux Speċifikat Band'Oħra — Trasport

Kwantitajiet ta' fjuwils użati għal attivitajiet ta' trasport mhux inklużi band'oħra. Huma inklużi l-fjuwils użati mil-linji tal-ajru għall-vetturi tat-triq tagħhom u l-fjuwils użati fil-portijiet għat-tagħmir li jħott it-tagħbiji mill-bastimenti, diversi tipi ta' krejnijiet. Jekk jintuża, dak li jiġi inkluż taħt din l-intestatura għandu jiġi spjegat fir-rimarki tar-rapport.

2.6.3. SETTURI OĦRA

Din il-kategorija tkopri kwantitajiet ta' fjuwils użati f'setturi mhux speċifikament imsemmija jew li ma jagħmlux parti mit-trasformazzjoni, enerġija, industrija jew trasport.

2.6.3.1. Servizzi Kummerċjali u Pubbliċi

Kwantitajiet ta' fjuwils ikkunsmati min-negozju u mill-uffiċċji fis-setturi pubbliċi u privati. NACE Rev. 2 Diviżjonijiet 33, 36, 37, 38, 39, 45, 46, 47, 52, 53, 55, 56, 58, 59, 60, 61, 62, 63, 64, 65, 66, 68, 69, 70, 71, 72, 73, 74, 75, 77, 78, 79, 80, 81, 82, 84 (eskluża l-Klassi 84.22), 85, 86, 87, 88, 90, 91, 92, 93, 94, 95, 96 u 99. Fjuwils użati għat-tisħin u l-illuminazzjoni fi stazzjonijiet tal-ferrovija, stazzjonijiet tax-xarabanks, mollijiet tal-bastimenti u ajruporti għandhom jiġu rrappurtati f'din il-kategorija u inklużi wkoll fjuwils użati għall-attivitajiet kollha mhux ta' trasport ta' NACE Rev. 2 Diviżjoni 49, 50 u 51.

2.6.3.2. Residenzjali

Kwantitajiet ta' fjuwils ikkunsmati mill-unitajiet domestiċi kollha inklużi "unitajiet domestiċi b'persuni impjegati". NACE Rev. 2 Diviżjonijiet 97 u 98.

Id-definizzjonijiet speċifiċi li ġejjin japplikaw għal dan is-settur:

Settur tal-unitajiet domestiċi:

Unità domestika tfisser persuna li tgħix waħedha jew grupp ta' nies li jgħixu flimkien fl-istess abitazzjoni privata u li jaqsmu l-ispejjeż kif ukoll jikkontribwixxu fil-forniment tal-essenzjali għall-għixien. Is-settur tal-unitajiet domestiċi, magħruf ukoll bħala s-settur residenzjali (jew domestiku) huwa għaldaqstant, grupp kollettiv tal-unitajiet domestiċi kollha f'pajjiż.

Residenzi kollettivi li jistgħu jkunu permanenti (eż. ħabsijiet) jew temporanji (eż. sptarijiet) għandhom jiġu esklużi billi dawn huma koperti fil-konsum fis-settur tas-servizzi. L-enerġija użata fl-attivitajiet tat-trasport kollha għandha tiġi rrappurtata fis-settur tat-trasport u mhux fis-settur tal-unitajiet domestiċi.

Il-konsum tal-enerġija assoċjat ma' attivitajiet ekonomiċi sinifikanti tal-unitajiet domestiċi għandu wkoll jiġi eskluż mit-total tal-konsum tal-enerġija fl-unitajiet domestiċi. Dawn l-attivitajiet jinkludu attivitajiet ekonomiċi agrikoli f'azjendi agrikoli żgħar u attivitajiet ekonomiċi oħra mwettqa f'residenza ta' unità domestika u għandhom jiġu rrappurtati fis-settur korrispondenti.

2.6.3.2.1. Tisħin ta' spazju

Dan is-servizz ta' enerġija jirreferi għall-użu tal-enerġija għall-provvista tas-sħana f'żona interna ta' post ta' residenza.

2.6.3.2.2. Tkessiħ ta' spazju:

Dan is-servizz ta' enerġija jirreferi għall-użu tal-enerġija għat-tkessiħ f'post residenzjali permezz ta' sistema u/jew unità ta' refriġerazzjoni.

Fannijiet, blowers u tagħmir ieħor mhux konness ma' unità ta' tkessiħ huma esklużi minn din it-taqsima, iżda għandhom ikunu koperti fit-taqsima tat-tagħmir tal-illuminazzjoni u tal-elettriku.

2.6.3.2.3. Tisħin tal-ilma:

Dan is-servizz tal-enerġija jirreferi għall-użu tal-enerġija għat-tisħin tal-ilma għall-ilma sħun kurrenti, il-banjijiet, it-tindif u applikazzjonijiet oħra mhux tat-tisjir.

It-tisħin tal-pixxini huwa eskluż, iżda għandu jiġi kopert fit-taqsima ta' użi aħħarin oħra.

2.6.3.2.4. Tisjir:

Dan is-servizz tal-enerġija jirreferi għall-użu tal-enerġija għat-tħejjija tal-ikel.

It-tagħmir għat-tisjir awżiljari (microwaves, ktieli, magni tal-kafe, eċċ) huma esklużi; għandhom jiġu koperti fit-taqsima tal-illuminazzjoni u t-tagħmir elettriku.

2.6.3.2.5. Tagħmir tal-illuminazzjoni u tagħmir elettriku (elettriku biss):

Użu tal-elettriku għall-illuminazzjoni u kull tagħmir ieħor elettriku f'post ta' residenza mhux kkunsidrat fi ħdan użi finali oħra.

2.6.3.2.6. Użi finali oħra:

Kull konsum tal-enerġija ieħor f'unitajiet domestiċi bħalma huwa l-użu tal-enerġija minn attivitajiet fil-miftuħ u attivitajiet oħra mhux inklużi fil-ħames użi finali tal-enerġija msemmija hawn fuq (eż. lawn mowers, tisħin tal-pixxina, ħiters ta' barra, barbkjus fil-miftuħ, sawni eċċ.).

2.6.3.3. Agrikoltura/Forestrija

Kwantitajiet ta' fjuwils ikkunsmati minn utenti kklassifikati bħala agrikultura, kaċċa u forestrija; NACE Rev. 2 Diviżjonijiet 01 u 02.

2.6.3.4. Sajd

Kwantitajiet ta' fjuwils ikkonsenjati għal sajd intern, kostali u fil-baħar fond. Is-sajd għandu jkopri l-fjuwils ikkonsenjati lill-bastimenti, jtajru liema bandiera jtajru, li ħadu l-fjuwil f'dak il-pajjiż (inkluż is-sajd internazzjonali) u l-enerġija użata fl-industrija tas-sajd. NACE Rev. 2 Diviżjoni 03.

2.6.3.5. Mhux Speċifikat Band'Oħra — Oħra

Kwantitajiet ta' fjuwils użati għal attivitajiet mhux inklużi band'oħra (bħal NACE Rev. 2 Klassi 84.22). Din il-kategorija tinkludi l-użu militari tal-fjuwil għal konsum mobbli u li ma jiċċaqlaqx kollu (eż. bastimenti, inġenji tal-ajru, toroq u enerġija użata fl-imkejjen fejn jgħix l-istaff), irrispettivament minn jekk il-fjuwil ikkonsenjat huwiex għall-militar ta' dak il-pajjiż jew għall-militar ta' pajjiż ieħor. Jekk jintuża, dak li jiġi inkluż taħt din l-intestatura għandu jiġi spjegat fir-rimarki tar-rapport.

3. PRODOTTI

3.1. FAĦAM (Fjuwils fossili solidi u gassijiet immanifatturati)

3.1.1. FAĦAM IEBES

Il-faħam iebes huwa prodott aggregat daqs is-somma ta' antraċite, faħam għall-kokk u faħam bituminuż ieħor.

3.1.2. ANTRAĊITE

Faħam ta' livell għoli użat għal applikazzjonijiet industrijali u residenzjali. Ġeneralment għandu inqas minn 10 % ta' materja volatili u kontenut għoli ta' karbonju (madwar 90 % ta' karbonju fiss). Il-valur kalorifiku gross tiegħu huwa aktar minn 24 000 kJ/kg fuq bażi ħielsa mill-irmied iżda niedja.

3.1.3. FAĦAM GĦALL-KOKK

Faħam bituminuż bi kwalità li tippermetti l-produzzjoni ta' kokk (kokk tal-fran tal-kokk) adattat biex isostni ċarġ ta' kalkara tal-funderija. Il-valur kalorifiku gross tiegħu huwa aktar minn 24 000 kJ/kg fuq bażi ħielsa mill-irmied iżda niedja.

3.1.4. FAĦAM BITUMINUŻ IEĦOR

Faħam użat sabiex jiġi ġġenerat l-istim u li jinkludi l-faħam bituminuż kollu li mhux inkluż la taħt faħam għall-kokk u lanqas taħt l-antraċite. Huwa kkaratterizzat minn materja aktar volatili mill-antraċite (aktar minn 10 %) u kontenut ta' karbonju aktar baxx (inqas minn 90 % ta' karbonju fiss). Il-valur kalorifiku gross tiegħu huwa aktar minn 24 000 kJ/kg fuq bażi ħielsa mill-irmied iżda niedja.

3.1.5. FAĦAM KANNELLA

Il-faħam kannella huwa prodott aggregat ugwali għas-somma ta' faħam subbituminuż u linjite.

3.1.6. FAĦAM SUBBITUMINUŻ

Jirreferi għal faħam li ma jagħqadx b'valur kalorifiku gross ta' bejn 20 000 kJ/kg u 24 000 kJ/kg li fih aktar minn 31 % ta' materja volatili fuq bażi ħielsa minn materja minerali xotta.

3.1.7. LINJITE

Faħam li ma jagħqadx b'valur kalorifiku gross ta' inqas minn 20 000 kJ/kg u akbar minn 31 % ta' materja volatili fuq bażi ħielsa minn materja minerali xotta.

3.1.8. FJUWIL BIL-PRIVATTIVA

Fjuwil kompost immanifatturat minn trab fin ta' faħam iebes biż-żieda ta' aġent li jgħaqqad. L-ammont ta' fjuwil bil-privattiva prodott, għalhekk, jista' jkun xi ftit ogħla mill-ammont effettiv ta' faħam ikkunsmat fil-proċess ta' trasformazzjoni.

3.1.9. KOKK TAL-FRAN TAL-KOKK

Il-prodott solidu miksub mill-karbonizzazzjoni tal-faħam, prinċipalment faħam għall-kokk, f'temperatura għolja, ftit li xejn għandu materja niedja u volatili. Il-kokk tal-fran tal-kokk jintuża prinċipalment fl-industrija tal-ħadid u tal-azzar fejn jagħmilha ta' sors ta' enerġija u ta' aġent kimiku.

Ir-riħ tal-kokk u l-kokk tal-funderija għandhom jiġu rrappurtati f'din il-kategorija.

is-semikokk (prodott solidu miksub mill-karbonizzazzjoni tal-faħam f'temperatura baxxa) għandu jiġi inkluż f'din il-kategorija. Is-semikokk jintuża bħala fjuwil għat-tisħin jew mill-impjant tat-trasformazzjoni nnifsu.

Din l-intestatura tinkludi wkoll il-kokk, ir-riħ tal-kokk u s-semi-kokk magħmul mil-linjite.

3.1.10. KOKK TAL-GASS

Prodott sekondarju ta' faħam iebes użat għall-produzzjoni ta' gass tal-ibliet f'impjanti tal-gass. Il-kokk tal-gass jintuża għal finijiet ta' tisħin.

3.1.11. QATRAN TAL-FAĦAM

Riżultat ta' distillazzjoni distruttiva tal-faħam bituminuż. Il-qatran tal-faħam huwa l-prodott sekondarju likwidu tad-distillazzjoni tal-faħam biex isir il-kokk fil-proċess tal-fran tal-kokk jew jiġi prodott mill-faħam kannella ("qatran b'temperatura baxxa").

3.1.12. BKB (MATTUNELLI TAL-FAĦAM KANNELLA)

Il-BKB huwa fjuwil kompost immanifatturat mil-linjite jew minn faħam subbituminuż, prodott billi jingħata l-forma ta' mattunelli taħt pressjoni għolja mingħajr iż-żieda ta' aġent li jgħaqqad, inkluż it-trab fin u t-trab tal-linjite niexef.

3.1.13. GASSIJIET IMMANIFATTURATI

Il-gassijiet immanifatturati huma aggregat ta' prodott ugwali għas-somma ta' gass ta' impjanti tal-manifattura tal-gass, gass minn fran tal-kokk, gass minn kalkara tal-funderija u gassijiet irkuprati oħra.

3.1.14. GASS TAL-IMPJANTI TAL-GASS

Ikopri t-tipi kollha ta' gassijiet prodotti f'impjanti ta' utilità pubblika jew f'impjanti privati, li l-fini ewlenija tagħhom hija l-manifattura, it-trasport u d-distribuzzjoni tal-gass. Jinkludi gass prodott bil-karbonizzazzjoni (inkluż gass prodott minn fran tal-kokk u trasferit għal gass ta' impjanti tal-gass), permezz ta' gassifikazzjoni totali b'arrikkiment jew mingħajr arrikkament bi prodotti taż-żejt (l-LPG, iż-żejt tal-fjuwil residwu, eċċ.), u billi jiġu riformati u sempliċement imħallta l-gassijiet u/jew l-ajra, inkluż it-taħlit ma' gass naturali li jiġi distribwit u kkunsmat permezz tan-netwerk tal-gass naturali. L-ammont ta' gass li jirriżulta mit-trasferimenti ta' gassijiet tal-faħam oħra għal gass minn impjanti tal-gass għandu jiġi rrappurtat bħala l-produzzjoni tal-gass tal-impjanti tal-gass.

3.1.15. GASS TAL-FRAN TAL-KOKK

Il-gass tal-fran tal-kokk huwa gass miksub bħala prodott sekondarju mill-manifattura tal-kokk tal-fran tal-kokk għall-produzzjoni tal-ħadid u tal-azzar.

3.1.16. GASS TAL-KALKARI TAL-FUNDERIJI

Gass tal-kalkari tal-funderiji huwa prodott waqt il-ħruq tal-kokk f'kalkari tal-funderija fl-industrija tal-ħadid u tal-azzar. Jiġi rkuprat u użat bħala fjuwil, parti minnu fl-impjant u parti oħra minnu fi proċessi oħrajn tal-industrija tal-azzar jew f'impjanti tal-enerġija mgħammra biex jaħarquh.

3.1.17. GASSIJIET OĦRAJN IRKUPRATI

Prodott sekondarju mill-produzzjoni tal-azzar f'forn tal-ossiġnu, irkuprat malli dan jinħareġ mill-forn. Il-gassijiet huma magħrufa wkoll bħala gass konvertitur, gass LD jew gass BOS. Il-kwantità ta' fjuwil irkuprat għandha tiġi rrappurtata fuq bażi ta' valur kalorifiku gross. Ikopri wkoll gassijiet immanifatturati mhux speċifikati li mhumiex imsemmija hawn fuq, bħal gassijiet kombustibbli ta' oriġini karbonika solida rkuprati mill-manifattura u minn proċessi kimiċi mhux definiti band'oħra.

3.1.18. PIT

Il-pit huwa depożitu sedimentarju li jinħaraq, li huwa artab, poruż jew kompressat, li ġej mill-pjanti b'kontenut għoli ta' ilma (sa 90 % meta mhux ipproċessat), li jitqatta' malajr, b'kulur li jvarja mill-kannella ċar għall-kannella skur. Il-pit jinkludi pit mit-torba u pit mitħun. Mhux inkluż il-pit użat għal finijiet mhux ta' enerġija.

3.1.19. PRODOTTI TAL-PIT

Prodotti bħal mattunelli tal-pit derivati direttament jew indirettament minn tuba tal-pit u pit mitħun.

3.1.20. IX-XEJL TAŻ-ŻEJT U R-RAMEL TAŻ-ŻEJT

Ix-xejl taż-żejt u r-ramel taż-żejt huma blat sedimentarju li jkun fih materja organika fil-forma ta' keroġenu. Il-keroġenu huwa materjal tax-xama' rikk fl-idrokarburi meqjus bħala prekursur taż-żejt mhux maħdum. Ix-xejl taż-żejt jista' jinħaraq direttament jew jiġi pproċessat permezz tat-tisħin sabiex jiġi estratt iż-żejt tax-xejl. Iż-żejt tax-xejl u prodotti oħrajn derivati mil-likwefazzjoni għandhom jiġu rrappurtati bħal idrokarburi oħra fi ħdan prodotti taż-żejt mhux maħdum.

3.2. Gass naturali

3.2.1. GASS NATURALI

Il-gass naturali jinkludi gassijiet li jirriżultaw f'depożiti ta' taħt l-art, kemm jekk likwifikati kif ukoll jekk gassużi, li jkunu jikkonsistu prinċipalment minn metan, indipendenti mill-metodu ta' estrazzjoni (konvenzjonali u mhux konvenzjonali). Jinkludi kemm gass "mhux assoċjat" li joriġina minn faċilitajiet li jipproduċu l-idrokarburi biss f'forma ta' gass, u gass "assoċjat" li ġie prodott f'assoċjazzjoni ma' żejt mhux raffinat kif ukoll ma' metanu rkuprat mill-minjieri tal-faħam (gass tal-minjieri tal-faħam tal-ħaġra u l-bini tagħha) jew minn saffi tal-faħam (gass tas-saffi tal-faħam). Il-gass naturali ma jinkludix il-Bijogass u l-Gassijiet immanifatturati. Trasferimenti ta' prodotti tali għal netwerk ta' gass naturali għandhom jiġu rrappurtati separatament minn gass naturali. Il-gass naturali jinkludi gass naturali likwifikat (LNG) u gass naturali kompressat (CNG).

3.3. Elettriku u sħana

3.3.1. ELETTRIKU

L-elettriku jirreferi għat-trasferiment ta' enerġija permezz tal-fenomenu fiżiku bl-involviment taċ-ċarġis elettriċi u l-effetti tagħhom meta weqfin u f'moviment. L-elettriku kollu li huwa użat, prodott u kkunsmat għandu jiġi rrappurtat, inkluż barra n-netwerk (off-grid) u awtokkunsmat.

3.3.2. SĦANA (SĦANA DERIVATA)

Is-sħana tirreferi għall-enerġija miksuba mill-moviment translazzjonali, rotazzjonali u vibrazzjonali tal-kostitwenti tal-materja kif ukoll tibdil fl-istat fiżiku tagħha. Is-sħana kollha prodotta, ħlief sħana prodotta mill-awtoprodutturi għall-użu tagħhom stess u mhux mibjugħa, għandha tiġi rrappurtata; il-forom ta' sħana l-oħra kollha huma rrappurtati bħala użu ta' prodotti li minnhom ġiet prodotta s-sħana.

3.4. ŻEJT (żejt mhux raffinat u prodotti taż-żejt mhux maħdum)

3.4.1. ŻEJT MHUX RAFFINAT

Iż-żejt mhux raffinat huwa żejt minerali ta' oriġini naturali li jinkludi taħlita ta' idrokarburi u impuritajiet assoċjati, bħall-kubrit. Jeżisti fil-fażi likwida f'temperatura u pressjoni tas-superfiċi normali u l-karatteristiċi fiżiċi tiegħu (id-densità, il-viskożità, eċċ.) huma ferm varjabbli. Din il-kategorija tinkludi l-kondensati tal-impjant ta' trattament jew taż-żona ta' sfruttament irkuprati minn gassijiet assoċjati jew mhux assoċjati fejn jiġu mħallta mal-fluss ta' żejt kummerċjali mhux raffinat. Il-kwantitajiet għandhom jiġu rrappurtati indipendentement mill-metodu ta' estrazzjoni (konvenzjonali u mhux konvenzjonali). Iż-żejt mhux raffinat jeskludi l-NGL.

3.4.2. LIKWIDI TA' GASS NATURALI (NGL)

L-NGL huma idrokarburi likwidi jew likwifikati rkuprati minn gass naturali f'faċilitajiet ta' separazzjoni jew f'impjanti tal-ipproċessar tal-gass. L-NGL jinkludu l-etanu, il-propan, il-butan (normali u iso-), l-(iso) pentan u l-pentani plus (xi drabi msejħa gażolina naturali jew kondensat tal-impjant).

3.4.3. MATERJA PRIMA TAR-RAFFINERIJI

Materja prima tar-raffinerij hija żejt ipproċessat maħsub għal aktar ipproċessar (eż. żejt tal-fjuwil ta' distillazzjoni diretta jew żejt tal-gass tal-vakwu) ħlief għat-taħlit. B'aktar ipproċessar, se tiġi ttrasformata f'komponent wieħed jew aktar u/jew fi prodotti finali. Din id-definizzjoni tkopri wkoll il-prodotti li jgħaddu lura mill-industrija petrokimika għall-industrija tar-raffinar (eż. il-gażolina bil-piroliżi, il-frazzjonijiet C4, il-frazzjonijiet taż-żejt tal-gass u taż-żejt tal-fjuwil).

3.4.4. ADDITTIVI/OSSIĠENATI

L-addittivi huma sustanzi mhux idrokarburi miżjuda ma' jew imħallta ma' prodotti taż-żejt mhux maħdum biex jimmodifikaw il-proprjetajiet tagħhom (ottan, ċetan, proprjetajiet kesħin, eċċ.). L-addittivi jinkludu l-ossiġenati (bħall-alkoħols (metanol, etanol), eteri (metil terzjarju butil eter(MTBE), etil terzjarju butil eter (ETBE), terzjarju amil metil eter (TAME), eċċ.), esteri (bħal żejt tal-kolza jew dimetilester, eċċ.), komposti kimiċi (bħal ċomb tetrametil (TML), ċomb tetraetil (TEL) u deterġenti). Il-kwantitajiet ta' addittivi/ossiġenati (alkoħol, eteri, esteri u komposti kimiċi oħra) rrappurtati f'din il-kategorija għandhom ikunu relatati mal-kwantitajiet maħsuba għal taħlit ma' fjuwils jew għal użu bħala fjuwil. Din il-kategorija tinkludi bijofjuwils li huma mħallta ma' fjuwils fossili likwidi.

3.4.5. BIJOFJUWILS F'ADDITTIVI/OSSIĠENATI

Il-kwantitajiet ta' bijofjuwils likwidi rrappurtati f'din il-kategorija għandhom x'jaqsmu ma' bijofjuwils likwidi mħallta u jirreferu biss għall-porzjon tal-bijofjuwil likwidu u mhux għall-volum totali ta' likwidi li fihom jiġu mħallta l-bijofjuwils. Huma esklużi l-bijofjuwils likwidi mhux imħallta.

3.4.6. IDROKARBURI OĦRA

Żejt mhux raffinat sintetiku minn ramliet tal-qatran, minn żejt li jittieħed mix-xejl, eċċ., likwidi mil-likwefazzjoni tal-faħam, il-produzzjoni ta' likwidi mill-konverżjoni ta' gass naturali f'gażolina, idroġenu u żjut emulsifikati (eż. orimulsjoni); eskluż ix-xejl taż-żejt; inkluż iż-żejt tax-xejl (prodott sekondarju).

3.4.7. PRODOTTI TAŻ-ŻEJT MHUX MAĦDUM

Il-prodotti taż-żejt mhux maħdum huma prodott aggregat ugwali għas-somma ta' gass tar-raffineriji, etan, gassijiet likwifikati miż-żejt, nafta, gażolina għall-magni, gażolina għall-avjazzjoni, fjuwil tal-ġett tat-tip tal-gażolina, fjuwil tal-ġett tat-tip tal-pitrolju, pitrolju ieħor, żejt tal-gass/diżil, żejt kombustibbli, spirtu abjad ad SPB, lubrikanti, bitumen, xama' tal-paraffina, kokk taż-żejt mhux maħdum u prodotti oħra.

3.4.8. GASS TAR-RAFFINERIJI

Il-gass tar-raffinerija jinkludi taħlita ta' gassijiet mhux kondensati li prinċipalment tikkonsisti f'idroġenu, metan, etan u olefini miksuba waqt id-distillazzjoni taż-żejt mhux raffinat jew it-trattament ta' prodotti taż-żejt (eż. cracking) f'raffineriji. Dan jinkludi wkoll il-gassijiet li jittreġġgħu lura mill-industrija petrokimika.

3.4.9. ETAN

Idrokarbur ta' katina miftuħa u bil-gass min-natura tiegħu (C_2H_6) estratt minn flussi ta' gass naturali u ta' gass prodott f'raffineriji.

3.4.10. GASSIJIET LIKWIFIKATI MIŻ-ŻEJT (LPG)

L-LPG huma idrokarburi paraffiniċi ħfief derivati mill-impjanti tal-proċessi tar-raffineriji, tal-istabbilizzazzjoni taż-żejt mhux raffinat u tal-ipproċessar tal-gass naturali. Dawn jikkonsistu prinċipalment minn propan (C_3H_8) u butan (C_4H_{10}) jew taħlita tat-tnejn. Jistgħu jinkludu wkoll il-propilen, il-butilen, l-isopropilen u l-isobutilen. L-LPG normalment ikunu likwifikati taħt pressjoni għat-trasport u għall-ħażna.

3.4.11. NAFTA

In-nafta hija materja prima maħsuba jew għall-industrija petrokimika (eż. il-manifattura tal-etilen jew il-produzzjoni tal-aromatiċi) jew għall-produzzjoni tal-gażolina bir-riforma jew bl-iżomerizzazzjoni fir-raffinerija. In-nafta tinkludi l-materjal fil-medda tad-distillazzjoni ta' bejn it-30 °C u l-210 °C jew f'parti minn din il-medda.

3.4.12. IL-GAŻOLINA GĦALL-MAGNI

Il-gażolina għall-magni tikkonsisti f'taħlita ta' idrokarburi ħfief li jiddistillaw bejn 35 °C u 215 °C. Dan jintuża bħala fjuwil għall-magni għall-użu fuq l-art bi tqabbid pożittiv. Il-gażolina għall-magni jista' jinkludi addittivi, ossiġenati u aġenti li jtejbu l-ottan, inklużi komposti taċ-ċomb. Tinkludi komponenti ta' taħlit ta' gażolina għall-magni (esklużi addittivi/ossiġenati), eż. l-alkylates, il-gażolina iżomerata, riformata, cracked iddestinata sabiex tintuża bħala gażolina għall-magni finali. Il-gażolina għall-magni huwa prodott aggregat ugwali għas-somma mħallta tal-bijogażolina (bijogażolina f'gażolina għall-magni) u tal-gażolina mhux bijoloġika.

3.4.12.1. Bijogażolina mħallta (bijogażolina f'gażolina għall-magni)

Bijogażolina li tħallat f'gażolina għall-magni.

3.4.12.2. Nonbijogażolina

Il-parti li jibqa' mill-gażolina għall-magni — gażolina għall-magni eskluż il-bijogażolina mħallta (dan huwa fil-biċċa l-kbira gażolina għall-magni ta' oriġini fossili).

3.4.13. GAŻOLINA GĦALL-AVJAZZJONI

Spirtu tal-magni mħejji speċjalment għall-magni bil-pistuni tal-avjazzjoni, b'numru ta' ottan adatt għall-magna, punt tal-iffriżar ta' – 60 °C u medda ta' distillazzjoni ġeneralment fil-limiti bejn 30 °C u 180 °C.

3.4.14. FJUWIL TAL-ĠETT TAT-TIP TAL-GAŻOLINA (FJUWIL TAL-ĠETT TAT-TIP NAFTA JEW JP4)

Dan jinkludi ż-żjut ta' idrokarbur ħafif kollha għall-użu f'unitajiet tal-enerġija tat-turbini tal-avjazzjoni, li jiddistillaw bejn il-100 °C u l-250 °C. Dawn jinkisbu billi jitħalltu l-pitrolji u l-gażolina jew in-nafti b'tali mod li l-kontenut aromatiku ma jaqbiżx il-25 % f'volum, u l-pressjoni tal-fwar hija bejn it-13,7 kPa u 20,6 kPa.

3.4.15. FJUWIL TAL-ĠETT TAT-TIP TAL-PITROLJU

Distillat użat għal unitajiet tal-enerġija tat-turbini tal-avjazzjoni. Għandu l-istess karatteristiċi ta' distillazzjoni bejn 150 °C u 300 °C (ġeneralment mhux 'il fuq minn 250 °C) u punt ta' fjammabbiltà bħall-pitrolju. Barra minn hekk, għandu speċifikazzjonijiet partikolari (bħall-punt tal-iffriżar) li huma stabbiliti mill-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru). Jinkudi l-komponenti tat-taħlit tal-pitrolju. Fjuwil tal-ġett tat-tip tal-pitrolju huwa prodott aggregat ugwali għas-somma ta' pitrolju bijoloġiku tal-ġett imħallat (pitrolju bijoloġiku tal-ġett fi fjuwil tal-ġett tat-tip tal-pitrolju) u pitrolju mhux bijoloġiku tal-ġett.

3.4.15.1. Pitrolju bijoloġiku tal-ġett imħallat (pitrolju bijoloġiku tal-ġett fi fjuwil tal-ġett tat-tip tal-pitrolju)

Pitrolju bijoloġiku tal-ġett li tħallat fi fjuwil tal-ġett tat-tip tal-pitrolju.

3.4.15.2. Pitrolju tal-ġett mhux bijoloġiku

Il-parti li jibqa' mill-fjuwil tal-ġett tat-tip tal-pitrolju — fjuwil tal-ġett tat-tip tal-pitrolju eskluż pitrolju bijoloġiku tal-ġett imħallat (dan huwa fil-biċċa l-kbira fjuwil tal-ġett tat-tip tal-pitrolju ta' oriġini fossili).

3.4.16. PITROLJU IEĦOR

Distillat taż-żejt mhux maħdum irfinut użat f'setturi li mhumiex tat-trasport bl-inġenji tal-ajru. Jiddistilla bejn il-150 °C u t-300 °C.

3.4.17. ŻEJT TAL-GASS/DIŻIL (ŻEJT TAL-FJUWIL IDDISTILLAT)

Żejt tal-gass/diżil huwa primarjament distillat medju li jiddistilla f'temperatura bejn il-180 °C u t-380 °C. Jinkludi komponenti li jitħalltu. Huma disponibbli diversi gradi, jiddependi mill-użi. Iż-żejt tal-gass/diżil jinkludi żejt tad-diżil għat-triq għall-compression ignition tad-diżil ta' karozzi u trakkijiet. Iż-żejt tal-gass/diżil jinkludi żejt ħafif għat-tisħin għal użi industrijali u kummerċjali, diżil marittimu u diżil użat fit-traffiku tal-ferroviji, żejt tal-gass ieħor li jinkludi żjut tal-gass tqal oħra li jiddistillaw bejn it-380 °C u l-540 °C u li jintużaw bħala materja prima petrokimika. Iż-żejt tal-gass/diżil huwa prodott aggregat ugwali għas-somma ta' bijodiżils imħallta (bijodiżils f'żejt tal-gass/diżil) u non-bijodiżils.

3.4.17.1. Bijodiżils imħallta (bijodiżils f'żejt tal-gass/diżil)

Bijodiżils li kienu mħallta f'żejt tal-gass/diżil.

3.4.17.2. Non-bijodiżils

Il-parti li jibqa' miż-żejt tal-gass/diżil — żejt tal-gass/diżil esklużi bijodiżils imħallta (dawn huwa fil-biċċa l-kbira żejt tal-gass/diżil ta' oriġini fossili).

3.4.18. ŻEJT TAL-FJUWIL (ŻEJT TAL-FJUWIL TQIL)

Iż-żjut tal-fjuwil (tqal) residwali kollha (inklużi dawk miksuba bit-taħlit). Il-viskożità kinematika hija 'l fuq minn 10 cSt f'temperatura ta' 80 °C. It-temperatura li fiha l-fwar taż-żejt jista' jaqbad hija dejjem 'il fuq minn 50 °C u d-densità hija dejjem aktar minn 0,90 kg/l. Iż-żejt tal-fjuwil huwa prodott aggregat ugwali għas-somma ta' żejt tal-fjuwil b'kontenut baxx ta' kubrit u żejt tal-fjuwil b'kontenut għoli ta' kubrit.

3.4.18.1. Żejt tal-fjuwil b'kontenut baxx ta' kubrit (LSFO, Low sulphur fuel oil)

Żejt tal-fjuwil b'kontenut ta' kubrit aktar baxx minn 1 %.

3.4.18.2. Żejt tal-fjuwil b'kontenut għoli ta' kubrit (HSFO, High sulphur fuel oil)

Żejt tal-fjuwil b'kontenut ta' kubrit ta' 1 % jew ogħla.

3.4.19. SPIRTU ABJAD U SBP

Spirtu Abjad u SBP huma definiti bħala intermedji tad-distillat irfinut b'distillazzjoni fil-medda tan-nafta/tal-pitrolju. Dawn jinkludu spirtu industrijali (imsejjaħ ukoll SBP; żjut ħfief li jiddistillaw bejn it-30 °C u l-200 °C f'7 jew 8 gradi ta' spirtu industrijali, skont il-pożizzjoni tal-qatgħa fil-medda tad-distillazzjoni — il-gradi huma definiti skont id-differenza fit-temperatura bejn il-punti ta' distillazzjoni ta' volum ta' 5 % u ta' volum ta' 90 %, li mhux aktar minn 60 °C) u spirti bojod (spirtu industrijali b'temperatura li fiha l-fwar taż-żejt jista' jaqbad 'il fuq minn 30 °C u l-medda ta' distillazzjoni hija 135 °C sa 200 °C).

3.4.20. LUBRIKANTI

Idrokarburi prodotti mid-distillat skont il-prodott; dawn jintużaw primarjament sabiex titnaqqas il-frizzjoni bejn is-superfiċji li jġorru l-piżijiet. Jinkludu l-gradi maħduma kollha ta' żejt ta' lubrikazzjoni, minn żejt tal-magħżel għal żejt taċ-ċilindri, u dawk kollha li jintużaw fil-griżijiet, fiż-żjut tal-magni u fil-gradi kollha tal-istokks ta' bażi taż-żejt ta' lubrikazzjoni.

3.4.21. BITUMEN

Idrokarbur solidu, semi-solidu jew viskuż bi struttura kollojdali, li l-kulur tiegħu jvarja minn kannella għal iswed, miksub bħala residwu fid-distillazzjoni taż-żejt mhux raffinat, bid-distillazzjoni f'vakwu tar-residwi taż-żejt minn distillazzjoni atmosferika. Il-bitumen ta' spiss jissejjaħ asfalt u primarjament jintuża għall-kostruzzjoni tat-toroq u għal materjal għas-soqfa. Jinkludi l-bitumen fluwidizzat u l-bitumen ridott.

3.4.22. XEMGĦAT TAL-PARAFFINA

Dawn huma idrokarburi alifatiċi saturati. Din ix-xama' hija residwu estratt billi titneħħa x-xama' miż-żjut ta' lubrikazzjoni. Għandhom struttura kristallina li hija ftit jew wisq fina skont il-grad. Il-karatteristiċi ewlenin tagħhom huma dawn li ġejjin: huma mingħajr kulur, mingħajr riħa u trasluċida, b'punt ta' tidwib 'il fuq minn 45 °C.

3.4.23. KOKK TAŻ-ŻEJT MHUX MAĦDUM

Prodott sekondarju iswed u solidu, miksub prinċipalment bit-tfarrik u l-karbonizzazzjoni ta' materja prima derivata miż-żejt mhux maħdum, mill-qiegħan bil-vakwu, mill-qatran u miż-żiftijiet fi proċessi bħal ikkokkjar imdewwem jew ikkokkjar fluwidu. Dan jikkonsisti prinċipalment minn karbonju (bejn 90 sa 95 %) u għandu kontenut baxx ta' rmied. Jintuża bħala materja prima fil-fran tal-kokk għall-industrija tal-azzar, għal finijiet ta' tisħin, għall-manifattura tal-elettrodi u għall-produzzjoni tal-kimiċi. L-aktar żewġ kwalitajiet importanti huma "il-kokk l-aħdar" u "il-kokk kalċinat". Jinkludi "il-kokk katalist" depożitat fuq il-katalista matul il-proċessi ta' raffinar; dan il-kokk ma jistax jiġi rkuprat u ġeneralment jinħaraq bħala fjuwil tar-raffineriji.

3.4.24. PRODOTTI OĦRA

Il-prodotti l-oħra kollha li ma jissemmewx b'mod speċifiku aktar 'il fuq, pereżempju: qatran u kubrit. Jinkludu aromatiċi (eż. il-BTX jew il-benżin, it-toulene u l-xylene) u l-olefini (eż. il-propilene) prodotti fir-raffineriji.

3.5. Enerġija rinnovabbli u enerġija mill-iskart

3.5.1. IDRO

L-enerġija potenzjali u kinetika tal-ilma kkonvertita f'elettriku f'impjanti idroelettriċi. L-idro huwa prodott aggregat ugwali għas-somma ta' impjanti idro puri, impjanti idro mħallta u impjanti ta' ħżin ippompjat pur.

3.5.1.1. Impjanti idro puri

Impjanti idro li jużaw biss fluss dieħel ta' ilma naturali dirett u ma għandhom l-ebda kapaċità għal ħażna bil-pompa idro (li tippompja l-ilma 'l fuq).

3.5.1.2. Impjanti idro mħallta

Impjanti idro bi fluss dieħel ta' ilma naturali f'riżerva aktar 'il fuq fejn parti mit-tagħmir jew it-tagħmir kollu jista' jintuża għall-ippumpjar tal-ilma 'l fuq; L-elettriku ġġenerat huwa konsegwenza kemm ta' fluss dieħel ta' ilma naturali kif ukoll ta' ilma ppumpjat preċedentement 'il fuq.

3.5.1.3. Impjanti ta' ħżin ippompjat pur

Impjanti idro bl-ebda fluss dieħel ta' ilma naturali fir-riżerva aktar 'il fuq; il-maġġoranza l-kbira ta' ilma li tiġġenera l-elettriku kienet preċedentement ippumpjata 'l fuq; ħlief ix-xita u l-borra.

3.5.2. ĠEOTERMALI

L-enerġija disponibbli bħala sħana emessa minn ġol-qoxra tad-dinja, ġeneralment fil-forma ta' ilma sħun jew stim; eskluża s-sħana ambjentali maħkuma minn pompi tas-sħana bis-sors tas-sħana mill-art. Il-produzzjoni tal-enerġija ġeotermali hija d-differenza bejn l-entalpija tal-fluwidu prodott fil-ħofra għall-ilma tal-produzzjoni u dik tal-fluwidu li eventwalment jintrema.

3.5.3. SOLARI

Is-solari huwa prodott aggregat ugwali għas-somma ta' fotovoltajka solari u termali solari.

3.5.3.1. Fotovoltajka solari

Id-dawl tax-xemx ikkonvertit f'elettriku bl-użu ta' ċelluli solari li meta esposti għad-dawl jiġġeneraw l-elettriku. L-elettriku kollu prodott għandu jiġi rrappurtat (inklużi produzzjoni fuq skala żgħira u installazzjonijiet barra n-netwerk).

3.5.3.2. Termali solari

Sħana minn radjazzjoni tax-xemx (dawl tax-xemx) sfruttata għal finijiet ta' enerġija utli. Bħala eżempju, din tinkludi impjanti termoelettriċi solari u sistemi attivi għall-produzzjoni ta' ilma sħun sanitarju jew għat-tisħin ta' spazju għall-bini. Din il-produzzjoni tal-enerġija hija s-sħana disponibbli għall-mezz tat-trasferiment tas-sħana, jiġifieri l-enerġija inċidenti solari mingħajr it-telf ottiku u tal-kolletturi. Enerġija solari maħkuma b'sistemi passivi għal tisħin, tkessiħ u illuminazzjoni ta' bini ma għandhiex tiġi inkluża; enerġija solari fir-rigward tas-sistemi attivi biss għandha tiġi inkluża.

3.5.4. MILL-MAREA, MILL-MEWĠ, MILL-OĊEAN

L-enerġija mekkanika derivata mill-moviment tal-marea, mill-moviment tal-mewġ jew mill-kurrent tal-oċean u sfruttata għall-ġenerazzjoni tal-elettriku.

3.5.5. MIR-RIĦ

L-enerġija kinetika tar-riħ sfruttata għall-ġenerazzjoni tal-elettriku f'turbini tar-riħ. Ir-riħ huwa prodott aggregat ugwali għas-somma ta' riħ fuq l-art u riħ lil hinn mill-kosta.

3.5.5.1. Riħ fuq l-art

Il-produzzjoni ta' elettriku mir-riħ f'postijiet fuq l-art (internament, inklużi lagi u ilmijiet interni oħra).

3.5.5.2. Riħ lil hinn mill-kosta

Il-produzzjoni ta' elettriku f'postijiet lil hinn mill-kosta (eż. baħar, oċean u gżejjer artifiċjali). Fir-rigward ta' produzzjoni ta' riħ lil hinn mill-kosta barra l-ilmijiet territorjali tat-territorju kkonċernat, l-installazzjonijiet kollha li jinsabu fiż-żona ekonomika esklussiva ta' pajjiż għandhom jiġu meqjusa.

3.5.6. SKART INDUSTRIJALI (IL-PORZJON MHUX RINNOVABBLI)

Skart irrappurtat ta' oriġini industrijali mhux rinnovabbli maħruq direttament f'installazzjonijiet speċifiċi għal finijiet ta' enerġija sinifikanti. Il-kwantità ta' fjuwil użata għandha tiġi rrappurtata fuq bażi ta' valur kalorifiku nett. L-iskart inċinerat mingħajr ebda rkupru ta' enerġija huwa eskluż. Il-porzjon rinnovabbli ta' skart industrijali għandu jiġi rrappurtat fil-kategorija tal-bijofjuwils li tiddeskrivihom l-aħjar.

3.5.7. SKART MUNIĊIPALI

Skart prodott mid-djar, mill-isptarijiet u mis-settur terzjarju (b'mod ġenerali l-iskart kollu li jixbah l-iskart mid-djar) maħruq direttament f'installazzjonijiet speċifiċi għal finijiet ta' enerġija sinifikanti. Il-kwantità ta' fjuwil użata għandha tiġi rrappurtata fuq bażi ta' valur kalorifiku nett. L-iskart inċinerat mingħajr ebda rkupru ta' enerġija huwa eskluż. L-iskart muniċipali huwa prodott aggregat ugwali għas-somma ta' skart muniċipali rinnovabbli u skart muniċipali mhux rinnovabbli.

3.5.7.1. Skart muniċipali rinnovabbli

Il-porzjon ta' skart muniċipali li huwa ta' oriġini bijoloġika.

3.5.7.2. Skart muniċipali mhux rinnovabbli

Il-porzjon ta' skart muniċipali li huwa ta' oriġini mhux bijoloġika.

3.5.8. BIJOFJUWILS

Il-bijofjuwils huma prodott aggregat ugwali għas-somma ta' bijofjuwils solidi, bijogass u bijofjuwils likwidi. Il-bijofjuwils użati għal finijiet mhux ta' enerġija huma esklużi mill-ambitu tal-istatistika dwar l-enerġija (pereżempju injam użat għall-kostruzzjoni jew bħala għamara, bijolubrikant għal lubrikazzjoni tal-magni u bijobitumen użat għall-kisi tal-wiċċ tat-toroq).

3.5.8.1. Bijofjuwils solidi

Tkopri materjal organiku solidu, mhux fossili ta' oriġini bijoloġika (magħruf ukoll bħala bijomassa) li jista' jintuża bħala fjuwil għall-produzzjoni tas-sħana jew għall-ġenerazzjoni tal-elettriku. Il-bijofjuwils solidi huma prodott aggregat ugwali għas-somma ta' faħam tal-kannol, injam li jintuża bħala fjuwil, residwi u prodotti sekondarji tal-injam, likur iswed, bagasse, skart mill-annimali, materjali u residwi veġetali oħra u frazzjoni rinnovabbli ta' skart industrijali.

3.5.8.1.1. Faħam tal-kannol

Il-faħam tal-kannol huwa fjuwil immanifatturat minn bijofjuwils solidi — ir-residwu solidu tad-distillazzjoni distruttiva u l-piroliżi tal-injam u materjal veġetali ieħor.

3.5.8.1.2. Injam li jintuża bħala fjuwil, residwi u prodotti sekondarji tal-injam

Injam li jintuża bħala fjuwil jew injam għall-ħruq (fil-forma ta' zkuk, frieghi mejtin, gerbub jew biċċiet tal-injam) miksub minn foresti naturali jew ġestiti jew minn siġar iżolati. Inklużi huma r-residwi tal-injam użati bħala fjuwil fejn il-kompożizzjoni oriġinali tal-injam hija miżmuma; il-gerbub tal-injam huma inklużi. Il-faħam tal-kannol u l-likur iswed huma esklużi. Il-kwantità ta' fjuwil użata għandha tiġi rrappurtata fuq bażi ta' valur kalorifiku nett.

3.5.8.1.2.1. Gerbub tal-injam

Il-gerbub tal-injam huwa prodott ċilindriku li ġie agglomerat minn residwi tal-injam permezz ta' kompressjoni.

3.5.8.1.3. Likur iswed

Enerġija mil-likur mingħajr alkalina miksuba mid-diġesturi matul il-produzzjoni ta' kubrit jew polpa tas-soda meħtieġa għall-manifattura tal-karta. Il-kwantità ta' fjuwil użata għandha tiġi rrappurtata fuq bażi ta' valur kalorifiku nett.

3.5.8.1.4. Bagasse

Fjuwil miksub mill-fibra li tibqa' wara l-estrazzjoni tal-meraq fl-ipproċessar tal-kannamiela. Il-kwantità ta' fjuwil użata għandha tiġi rrappurtata fuq bażi ta' valur kalorifiku nett.

3.5.8.1.5. Skart tal-annimali

Enerġija mir-rawt tal-annimali, residwi tal-laħam u l-ħut li meta jinxfu huma użati direttament bħala fjuwil. Dan jeskludi skart użat f'impjanti ta' fermentazzjoni anaerobika. Gassijiet tal-fjuwil minn dawn l-impjanti huma inklużi taħt bijogassijiet. Il-kwantità ta' fjuwil użata għandha tiġi rrappurtata fuq bażi ta' valur kalorifiku nett.

3.5.8.1.6. Residwi u materjali veġetali oħrajn

Bijofjuwils mhux speċifikati band'oħra u inkluż tiben, qxur tal-ħaxix, qxur tal-ġewż mitħun, friegħi mejta miżbura, residwi taż-żebbuġ u skart ieħor li jirriżulta mill-manutenzjoni, qtugħ u pproċessar ta' pjanti. Il-kwantità ta' fjuwil użata għandha tiġi rrappurtata fuq bażi ta' valur kalorifiku nett.

3.5.8.1.7. Porzjoni rinnovabbli ta' skart industrijali

Il-porzjon rinnovabbli solidu ta' skart industrijali maħruq direttament f'installazzjonijiet speċifiċi għal finijiet ta' enerġija sinifikattiva (pereżempju iżda mhux biss, il-porzjon ta' lasktu naturali f'tajers tal-lasktu mormija jew il-porzjon ta' fibri naturali fi skart tessili — mill-kategoriji ta' skart 07.3 u 07.6, rispettivament, kif definit fir-Regolament (KE) Nru 2150/2002 dwar l-istatistika tal-iskart–). Il-kwantità ta' fjuwil użata għandha tiġi rrappurtata fuq bażi ta' valur kalorifiku nett.

3.5.8.2. Bijogass

Gass magħmul prinċipalment minn metan u dijossidu tal-karbonju prodott b'diġestjoni anaerobika ta' bijomassa jew bi proċessi termali minn bijomassa, inkluża l-bijomassa fi skart. Il-kwantità ta' fjuwil użata għandha tiġi rrappurtata fuq bażi ta' valur kalorifiku nett. Il-bijogass huwa prodott aggregat ugwali għas-somma ta' gass mill-miżbliet, gass minn ħama tad-dranaġġ, bijogassijiet oħra minn diġestjoni anaerobika u bijogassijiet minn proċessi termali.

3.5.8.2.1. Gass mill-miżbliet

Bijogass prodott mid-diġestjoni anaerobika ta' skart mill-miżbliet.

3.5.8.2.2. Gass mill-effluwent imtajjen tad-drenaġġ

Bijogass prodott mill-fermentazzjoni anerobika tal-effluwent imtajjen tad-drenaġġ.

3.5.8.2.3. Bijogassijiet oħra minn diġestjoni anaerobika

Bijogass prodott mill-fermentazzjoni anaerobika ta' slurries tal-annimali u ta' skart ta' biċċeriji, birreriji u industriji agro-alimentari oħra.

3.5.8.2.4. Bijogassijiet minn proċessi termali

Bijogass prodott minn proċessi termali (b'gassifikazzjoni jew piroliżi) ta' bijomassa.

3.5.8.3. Bijofjuwils likwidi

Din il-kategorija tinkludi l-fjuwils likwidi kollha ta' oriġini naturali (eż. prodotti minn bijomassa u/jew il-frazzjoni ta' skart bijodegradabbli), adatti biex jitħalltu ma' jew biex jissostitwixxu fjuwils minn oriġini fossili. Il-kwantitajiet ta' bijofjuwils likwidi rrappurtati f'din il-kategorija għandhom x'jaqsmu mal-kwantitajiet ta' bijofjuwil pur li ma tħalltux ma' fjuwils fossili. Għall-każ partikolari tal-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ta' bijofjuwils likwidi, huwa kkonċernat biss il-kummerċ tal-kwantitajiet li ma tħalltux mal-fjuwils tat-trasport (jiġifieri fil-forma pura tagħhom); il-kummerċ ta' bijofjuwils likwidi mħalltin ma' fjuwils tat-trasport għandu jiġi rrappurtat fil-kategorija ta' prodotti taż-żejt. Bijofjuwils Likwidi biss użati għal finijiet ta' enerġija — maħruqa direttament jew imħallta ma' fjuwils fossili — għandhom jiġu rrappurtati. Il-bijofjuwils likwidi huma prodott aggregat ugwali għas-somma ta' bijogażolina, bijodiżils, pitrolju bijoloġiku għall-ġett u bijofjuwils likwidi oħra.

3.5.8.3.1. Bijogażolina

Bijofjuwils likwidi adatti biex jitħalltu ma' jew biex jissostitwixxu gażolina għall-magni minn oriġini fossili.

3.5.8.3.1.1. Bijoetanol

Etanol bħala parti mill-Bijogażolina.

3.5.8.3.2. Bijodiżils

Bijofjuwils likwidi adatti biex jitħalltu ma' jew biex jissostitwixxu żejt tal-gass/diżil minn oriġini fossili.

3.5.8.3.3. Pitrolju bijoloġiku tal-ġett

Bijofjuwils likwidi adatti biex jitħalltu ma' jew biex jissostitwixxu pitrolju tal-ġett minn oriġini fossili.

3.5.8.3.4. Bijofjuwils likwidi oħra

Bijofjuwils likwidi mhux inklużi fl-ebda waħda mill-kategoriji preċedenti.

3.5.9. SĦANA AMBJENTALI

Enerġija termali f'livell ta' temperatura utli estratta (maqbuda) permezz ta' pompi tas-sħana li għandhom bżonn l-elettriku jew enerġija awżiljarja oħra biex jaħdmu. Din l-enerġija termali tista' tinħażen fl-arja ambjentali, taħt is-superfiċe ta' art solida jew fl-ilma tas-superfiċe. Il-valuri rrappurtati għandhom ikunu abbażi tal-istess metodoloġija bħal dik użata għar-rappurtar tal-enerġija termali maqbuda minn pompi tas-sħana skont id-Direttiva 2009/28/KE, iżda l-pompi tas-sħana kollha għandhom jiġu inklużi rrispettivament mil-livell ta' prestazzjoni tagħhom.

ANNESS B

STATISTIKA ANNWALI DWAR L-ENERĠIJA

Dan l-Anness jiddeskrivi l-ambitu, l-unitajiet, il-perjodu rrappurtat, il-frekwenza, l-iskadenza u l-modalitajiet ta' trażmissjoni għall-ġbir annwali tal-istatistika dwar l-enerġija.

Id-dispożizzjonijiet li ġejjin japplikaw għall-ġbir ta' dejta kollu speċifikat f'dan l-anness:

(a) Perjodu rrappurtat: Il-perjodu rrappurtat ta' dejta ddikjarata għandu jkun sena kalendarja (mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru), bil-bidu jkun is-sena ta' referenza 2017.

(b) Frekwenza: Id-dejta għandha tiġi ddikjarata fuq bażi annwali.

(c) Skadenza għat-trażmissjoni ta' dejta: Id-dejta għandha tintbagħat sat-30 ta' Novembru tas-sena wara s-sena rrappurtata.

(d) Format ta' trażmissjoni: Il-format tat-trażmissjoni għandu jikkonforma ma' standard ta' skambju adatt speċifikat mill-Eurostat.

(e) Metodu ta' trażmissjoni: Id-dejta għandha tiġi trażmessa jew imtella' b'mezzi elettroniċi fil-punt uniku tad-dħul għad-dejta fil-Eurostat.

L-Anness A japplika għal spjegazzjonijiet tat-termini li għalihom mhix ipprovduta spjegazzjoni speċifika f'dan l-Anness.

1. **FJUWILS FOSSILI SOLIDI U GASSIJIET IMMANIFATTURATI**

1.1. **Prodotti tal-enerġija applikabbli**

Ħlief jekk speċifikat mod ieħor dan il-ġbir ta' dejta japplika għall-prodotti ta' enerġija kollha elenkati fl-Anness A, Kapitolu 3.1. FAĦAM (Fjuwils fossili solidi u gassijiet immanifatturati).

1.2. **Lista ta' aggregati**

Il-lista ta' aggregati li ġejja għandha tiġi ddikjarata għall-prodotti tal-enerġija kollha li ġew elenkati fil-paragrafu preċedenti ħlief jekk ikun speċifikat mod ieħor.

1.2.1. PROVVISTA

1.2.1.1. Produzzjoni

1.2.1.1.1. Produzzjoni taħt l-art

Applikabbli biss għall-antraċite, faħam għall-kokk, faħam bituminuż ieħor, faħam sub-bituminuż u linjite.

1.2.1.1.2. Produzzjoni fil-wiċċ

Applikabbli biss għall-antraċite, faħam għall-kokk, faħam bituminuż ieħor, faħam sub-bituminuż u linjite.

1.2.1.2. Irċevuti Minn Sorsi Oħra

Dan jikkonsisti f'żewġ komponenti:

— slurries irkuprati, middlings u prodotti tal-faħam oħrajn ta' grad baxx, li ma jistgħux jiġu kklassifikati skont it-tip ta' faħam. Dan jinkudi l-faħam irkuprat minn munzelli ta' skart u minn kontenituri ta' skart oħra,

— Irċevuti minn sorsi oħra.

1.2.1.3. Irċevuti minn sorsi oħra: minn prodotti taż-żejt

Mhux applikabbli għall-antraċite, għal faħam għall-kokk, għal faħam bituminuż ieħor, għal faħam subbituminuż, għal-linjite, għall-pit, u għax-xejl taż-żejt u r-ramel taż-żejt.

1.2.1.4. Irċevuti minn sorsi oħra: minn gass naturali

Mhux applikabbli għall-antraċite, għal faħam għall-kokk, għal faħam bituminuż ieħor, għal faħam subbituminuż, għal-linjite, għall-pit, u għax-xejl taż-żejt u r-ramel taż-żejt.

1.2.1.5. Irċevuti minn sorsi oħra: minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli

Mhux applikabbli għall-antraċite, għal faħam għall-kokk, għal faħam bituminuż ieħor, għal faħam subbituminuż, għal-linjite, għall-pit, u għax-xejl taż-żejt u r-ramel taż-żejt.

1.2.1.6. Importazzjonijiet

1.2.1.7. Esportazzjonijiet

1.2.1.8. Il-Bunkers tal-Baħar Internazzjonali

1.2.1.9. Bidliet fl-Istokk

1.2.2. IS-SETTUR TAT-TRASFORMAZZJONI

1.2.2.1. Produttur ta' Attività Ewlenija tal-Elettriku Biss

1.2.2.2. Unitajiet tas-Sħana u tal-Enerġija Kkombinati (CHP) tal-Produttur tal-Attività Ewlenija

1.2.2.3. Produttur ta' Attività Ewlenija tas-Sħana Biss

1.2.2.4. Awtoproduttur tal-Elettriku Biss

1.2.2.5. Unitajiet tas-Sħana u tal-Enerġija Kkombinati (CHP) tal-Awtoprodutturi

1.2.2.6. Awtoproduttur tas-Sħana Biss

1.2.2.7. Impjanti tal-Fjuwil bil-Privattiva

1.2.2.8. Fran tal-Kokk

1.2.2.9. Impjanti tal-BKB/PB

1.2.2.10. Impjanti tal-Manifattura tal-Gass

1.2.2.11. Kalkara tal-funderija

1.2.2.12. Likwifazzjoni tal-Faħam

1.2.2.13. Għal Gass Naturali Mħallat

1.2.2.14. Mhux Speċifikat Band'Oħra — Trasformazzjoni

1.2.3. SETTUR TAL-ENERĠIJA

1.2.3.1. Impjanti tal-Elettriku, tas-CHP u tas-Sħana

1.2.3.2. Minjieri tal-Faħam

1.2.3.3. Impjanti tal-Fjuwil bil-Privattiva

1.2.3.4. Fran tal-Kokk

1.2.3.5. Impjanti tal-BKB/PB

1.2.3.6. Impjanti tal-Manifattura tal-Gass

1.2.3.7. Kalkara tal-funderija

1.2.3.8. Raffineriji taż-Żejt mhux Maħdum

1.2.3.9. Likwifazzjoni tal-Faħam

1.2.3.10. Mhux Speċifikat Band'Oħra — Enerġija

1.2.4. TELF MID-DISTRIBUZZJONI

Telf mid-distribuzzjoni jinkludi anki vvampjar ta' gassijiet immanifatturati.

1.2.5. UŻU MHUX GĦALL-ENERĠIJA

1.2.5.1. Setturi tal-Industrija, tat-Trasformazzjoni u tal-Enerġija

Użu mhux għall-enerġija fis-subsetturi kollha tal-industrija, tat-trasformazzjoni u tal-enerġija, eż. il-faħam użat sabiex isir il-metanol jew l-ammonijaka.

1.2.5.1.1. Settur kimiku u petrokimiku

NACE Rev. 2 Diviżjonijiet 20 u 21; Użu mhux għall-enerġija ta' faħam jinkludi użi bħal materja prima biex jiġi prodott il-fertilizzant u bħala materja prima għal prodotti petrokimiċi oħra.

1.2.5.2. Settur tat-Trasport

L-użu mhux għall-enerġija fis-sottosetturi tat-Trasport kollha.

1.2.5.3. Setturi Oħra

Użu mhux għall-enerġija fis-Servizzi Kummerċjali u Pubbliċi, f'dawk Residenzjali, Agrikoli u Oħra Mhux Speċifikati Band'Oħra.

1.2.6. KONSUM FINALI TAL-ENERĠIJA — SETTUR TAL-INDUSTRIJA

1.2.6.1. Ħadid u Azzar

1.2.6.2. Sustanzi Kimiċi u Petrokimiċi

1.2.6.3. Metalli li Ma Fihomx Ħadid

1.2.6.4. Minerali li mhumiex Metalliċi

1.2.6.5. Tagħmir tat-Trasport

1.2.6.6. Makkinarju

1.2.6.7. Tħaffir fil-Minjieri u l-Barrieri

1.2.6.8. Ikel, Xorb u Tabakk

1.2.6.9. Polpa, Karti u stampar

1.2.6.10. Injam u Prodotti tal-Injam

1.2.6.11. Kostruzzjoni

1.2.6.12. Tessuti u Ġilda

1.2.6.13. Mhux Speċifikat Band'Oħra — Industrija

1.2.7. KONSUM FINALI TAL-ENERĠIJA — SETTUR TAT-TRASPORT

1.2.7.1. Ferroviji

1.2.7.2. Navigazzjoni Domestika

1.2.7.3. Mhux Speċifikat Band'Oħra — Trasport

1.2.8. KONSUM FINALI TAL-ENERĠIJA — SETTURI OĦRA

1.2.8.1. Servizzi Kummerċjali u Pubbliċi

1.2.8.2. Residenzjali

1.2.8.2.1. Residenzjali: Tisħin ta' spazju

1.2.8.2.2. Residenzjali: Tkessiħ ta' spazju

1.2.8.2.3. Residenzjali: Tisħin tal-ilma

1.2.8.2.4. Residenzjali: Tisjir

1.2.8.2.5. Residenzjali: Użi finali oħra

1.2.8.3. Agrikoltura/Forestrija

1.2.8.4. Sajd

1.2.8.5. Mhux Speċifikat Band'Oħra — Oħra

1.2.9. IMPORTAZZJONIJIET SKONT IL-PAJJIŻ TAL-ORIĠINI U ESPORTAZZJONIJIET SKONT IL-PAJJIŻ TAD-DESTINAZZJONI

Importazzjonijiet skont il-pajjiż tal-oriġini u esportazzjonijiet skont il-pajjiż tad-destinazzjoni għandhom jiġu rrappurtati. Applikabbli għall-antraċite, għall-faħam għall-kokk, għal faħam bituminuż ieħor, għal faħam subbituminuż, għal-linjite, għall-fjuwils bi privattiva, għall-kokk tal-ifran tal-kokk, għall-qatran tal-faħam, għall-BKB, għall-pit, għal prodotti tal-pit u għax-xejl taż-żejt u r-ramel taż-żejt.

1.2.10. VALURI KALORIFIĊI

Applikabbli għall-antraċite, għall-faħam għall-kokk, għal faħam bituminuż ieħor, għal faħam sub-bituminuż, għal-linjite, għall-fjuwils bi privattiva, għall-kokk tal-ifran tal-kokk, għall-kokk tal-gass, għall-qatran tal-faħam, għall-BKB, għall-pit, għal prodotti tal-pit u għax-xejl taż-żejt u r-ramel taż-żejt.

Kemm il-valuri kalorifiċi gross kif ukoll dawk netti għandhom jiġu ddikjarati għall-aggregati li ġejjin:

1.2.10.1. Produzzjoni

1.2.10.2. Importazzjonijiet

1.2.10.3. Esportazzjonijiet

1.2.10.4. Użat fi fran tal-kokk

1.2.10.5. Użat f'kalkara tal-funderija

1.2.10.6. Użati fi Produttur ta' Attività Ewlenija tal-Elettriku biss, tas-Sħana biss u unitajiet CHP

1.2.10.7. Użati fl-Industrija

1.2.10.8. Għal Użi Oħra

1.3. Unitajiet ta' kejl

Kwantitajiet irrappurtati għandhom jiġu ddikjarati f'kt (kilo-tunnellati), ħlief: għal gassijiet immanifatturati (gass minn impjanti tal-gass, gass minn fran tal-kokk, gass minn kalkara tal-funderija, gassijiet irkuprati oħra), fejn il-kwantità rrappurtata għandha tiġi ddikjarata f'TJ GCV (tera-joules abbażi ta' valuri kalorifiċi gross).

Il-valuri kalorifiċi għandhom jiġu ddikjarati f'MJ/t (mega-joules għal kull tunnellata).

1.4. Derogi u eżenzjonijiet

Mhux applikabbli.

2. GASS NATURALI

2.1. Prodotti tal-enerġija applikabbli

Dan il-kapitolu jkopri r-rappurtar ta' gass naturali.

2.2. Lista ta' aggregati

Il-lista ta' aggregati li ġejja għandha tiġi ddikjarata għall-gass naturali.

2.2.1. SETTUR TAL-PROVVISTA

Il-kwantitajiet iddikjarati għas-settur tal-provvista għandhom jiġu espressi kemm f'unitajiet ta' volum kif ukoll ta' enerġija, u inklużi l-valuri kalorifiċi grossi u netti.

2.2.1.1. Produzzjoni Indiġena

Inkluża l-produzzjoni extraterritorjali.

2.2.1.1.1. Gass Assoċjat

Il-gass naturali prodott f'assoċjazzjoni ma' żejt mhux raffinat.

2.2.1.1.2. Gass Mhux Assoċjat

Il-gass naturali li joriġina minn faċilitajiet li jipproduċu biss idrokarburi f'forma ta' gass.

2.2.1.1.3. Gass tal-Minjieri tal-Faħam tal-Ħaġra

Il-metanu prodott f'minjieri tal-faħam jew minn saffi tal-faħam, imwassal permezz ta' pajpijiet fis-superfiċi u kkonsmat fil-minjieri tal-faħam tal-ħaġra jew trażmess permezz ta' katusa lill-konsumaturi.

2.2.1.2. Irċevuti Minn Sorsi Oħra

2.2.1.2.1. Irċevuti minn sorsi oħra: Żejt u prodotti taż-żejt mhux maħdum

2.2.1.2.2. Irċevuti minn sorsi oħra: Faħam

2.2.1.2.3. Irċevuti minn sorsi oħra: Riżorsi rinnovabbli

2.2.1.3. Importazzjonijiet

2.2.1.4. Esportazzjonijiet

2.2.1.5. Il-Bunkers tal-Baħar Internazzjonali

2.2.1.6. Bidliet fl-Istokk

2.2.1.7. Konsum gross domestiku

2.2.1.8. Gass rekuperabbli

Il-livell tal-istokk tal-ftuħ u l-għeluq għandu jiġi ddikjarat separatament bħala stokkijiet fuq it-territorju nazzjonali u rispettivament stokkijiet miżmuma barra l-pajjiż. Il-livell tal-istokk ifisser il-kwantitajiet ta' gass disponibbli għal konsenja matul kull ċiklu ta' dħul-ħruġ. Dan jirreferi għall-gass naturali rikuperabbli maħżun f'faċilitajiet tal-ħżin speċjali (faċilità magħluqa tal-gass u/jew taż-żejt, akwifikatur, kavità tal-melħ, kaverni mħallta, jew oħrajn) kif ukoll ħażna ta' gass naturali likwifikat. Cushion gas għandu jiġi eskluż. Ir-rekwiżit li jiġu ddikjarati l-valuri kalorifiċi hawnhekk ma japplikax.

2.2.1.9. Gass Mitluq fl-Atmosfera

Il-volum ta' gass rilaxxat fl-arja fis-sit tal-produzzjoni jew fl-impjant tal-ipproċessar tal-gassijiet. Ir-rekwiżit li jiġu ddikjarati l-valuri kalorifiċi hawnhekk ma japplikax.

2.2.1.10. Gass Ivvampjat

Il-volum ta' gass maħruq f'vampi fis-sit tal-produzzjoni jew fl-impjant tal-ipproċessar tal-gass. Ir-rekwiżit li jiġu ddikjarati l-valuri kalorifiċi hawnhekk ma japplikax.

2.2.2. SETTUR TAT-TRASFORMAZZJONI

2.2.2.1. Produttur ta' Attività Ewlenija tal-Elettriku Biss

2.2.2.2. Awtoproduttur tal-Elettriku Biss

2.2.2.3. Unitajiet tas-CHP Produtturi tal-Attività Ewlenija

2.2.2.4. Unitajiet tas-CHP tal-Awtoprodutturi

2.2.2.5. Produttur ta' Attività Ewlenija tas-Sħana Biss

2.2.2.6. Awtoproduttur tas-Sħana Biss

2.2.2.7. Impjanti tal-Manifattura tal-Gass

2.2.2.8. Fran tal-Kokk

2.2.2.9. Kalkara tal-funderija

2.2.2.10. Minn gass għal likwidi

2.2.2.11. Mhux speċifikat — Trasformazzjoni

2.2.3. SETTUR TAL-ENERĠIJA

2.2.3.1. Minjieri tal-Faħam

2.2.3.2. Estrazzjoni taż-Żejt u tal-Gass

2.2.3.3. Inputs f'raffineriji taż-żejt

2.2.3.4. Fran tal-Kokk

2.2.3.5. Kalkara tal-funderija

2.2.3.6. Impjanti tal-Manifattura tal-Gass

2.2.3.7. Impjanti tal-Elettriku, tas-CHP u tas-Sħana

2.2.3.8. Likwefazzjoni (LNG) jew Gassifikazzjoni

2.2.3.9. Minn Gass għal Likwidi

2.2.3.10. Mhux Speċifikat Band'Oħra — Enerġija

2.2.4. TELF MID-DISTRIBUZZJONI

2.2.5. SETTUR TAT-TRASPORT

Il-konsum finali ta' enerġija u l-konsum finali ta' non-enerġija għandhom jiġu ddikjarati separatament għall-aggregati li ġejjin.

2.2.5.1. Fuq it-triq

2.2.5.2. Trasport bil-pipelines

2.2.5.3. Mhux Speċifikat Band'Oħra — Trasport

2.2.6. SETTUR TAL-INDUSTRIJA

Il-konsum finali ta' enerġija u l-konsum finali ta' non-enerġija għandhom jiġu ddikjarati separatament għall-aggregati li ġejjin.

2.2.6.1. Ħadid u Azzar

2.2.6.2. Sustanzi Kimiċi u Petrokimiċi

2.2.6.3. Metalli li Ma Fihomx Ħadid

2.2.6.4. Minerali li mhumiex Metalliċi

2.2.6.5. Tagħmir tat-Trasport

2.2.6.6. Makkinarju

2.2.6.7. Tħaffir fil-Minjieri u l-Barrieri

2.2.6.8. Ikel, Xorb u Tabakk

2.2.6.9. Polpa, Karti u stampar

2.2.6.10. Injam u Prodotti tal-Injam

2.2.6.11. Kostruzzjoni

2.2.6.12. Tessuti u Ġilda

2.2.6.13. Mhux Speċifikat Band'Oħra — Industrija

2.2.7. SETTURI OĦRA

Il-konsum finali ta' enerġija u l-konsum finali ta' non-enerġija għandhom jiġu ddikjarati separatament għall-aggregati li ġejjin.

2.2.7.1. Servizzi Kummerċjali u Pubbliċi

2.2.7.2. Residenzjali

2.2.7.2.1. Residenzjali: Tisħin ta' spazju

2.2.7.2.2. Residenzjali: Tkessiħ ta' spazju

2.2.7.2.3. Residenzjali: Tisħin tal-ilma

2.2.7.2.4. Residenzjali: Tisjir

2.2.7.2.5. Residenzjali: Użi finali oħra

2.2.7.3. Agrikoltura/Forestrija

2.2.7.4. Sajd

2.2.7.5. Mhux Speċifikat Band'Oħra — Oħra

2.2.8. IMPORTAZZJONIJIET SKONT IL-PAJJIŻ TAL-ORIĠINI U ESPORTAZZJONIJIET SKONT IL-PAJJIŻ TAD-DESTINAZZJONI

Għandhom jiġu ddikjarati kemm il-kwantitajiet totali tal-gass naturali kif ukoll il-parti minnu li hija LNG, skont il-pajjiż tal-oriġini għall-importazzjonijiet u skont il-pajjiż tad-destinazzjoni għall-esportazzjonijiet.

2.2.9. KAPAĊITAJIET TAL-ĦAŻNA TAL-GASS

Għandhom jiġu rrappurtati separatament bħala faċilitajiet ta' ħażna ta' gass gassuż u terminals ta' LNG (li għandhom jiġu distinti ulterjorment bejn terminals ta' importazzjoni ta' LNG u terminals ta' esportazzjoni ta' LNG).

2.2.9.1. Isem

L-isem tas-sit tal-faċilità tal-ħażna jew tat-terminal ta' LNG.

2.2.9.2. Tip (għall-faċilitajiet tal-ħażna ta' gass gassuż biss)

It-tip ta' ħażna, bħal faċilità ta' gass żvojtata, akwifiker, kaverna tal-melħ, eċċ.

2.2.9.3. Kapaċità ta' Ħidma

Għall-faċilitajiet ta' ħżin ta' gass gassuż: il-kapaċità totali għall-ħażna tal-gass, mingħajr il-cushion gas. Il-cushion gas huwa l-volum totali ta' gass meħtieġ bħala inventarju permanenti biex jinżammu pressjonijiet adegwati fil-ġibjun tal-ħażna ta' taħt l-art u rati ta' konsenjabbiltà matul iċ-ċiklu kollu tal-produzzjoni.

Għat-terminali LNG: Kapaċità totali ta' ħżin tal-gass espressa f'ekwivalenti ta' gass gassuż.

2.2.9.4. L-Ogħla Livell ta' Produzzjoni

Ir-rata massima meta l-gass jista' jiġi rtirat mill-ħażna kkonċernata; din tikkorrispondi għall-kapaċità massima ta' rtirar.

2.2.9.5. Kapaċità ta' Rigassifikazzjoni jew ta' Likwefazzjoni (għat-terminals LNG biss)

Dawk li għandhom jiġu rrappurtati huma l-kapaċità ta' rigassifikazzjoni għat-terminals ta' importazzjoni u l-kapaċità ta' likwefazzjoni għat-terminals ta' esportazzjoni.

2.3. **Unitajiet ta' kejl**

Il-kwantitajiet ta' gass naturali għandhom jiġu ddikjarati skont il-kontenut ta' enerġija tiegħu, jiġifieri f'TJ, abbażi tal-valur kalorifiku gross. Fejn ikunu meħtieġa l-kwantitajiet fiżiċi, l-unità hija f'10^6 m^3 jekk wieħed jassumi kundizzjonijiet ta' referenza għall-gassijiet (15 °C, 101 325 Pa).

Il-valuri kalorifiċi għandhom jiġu ddikjarati f'kJ/m^3, jekk wieħed jassumi kundizzjonijiet ta' referenza għall-gassijiet (15 °C, 101 325 Pa).

Il-kapaċità għax-xogħol għandha tiġi ddikjarata f'10^6 m^3, jekk wieħed jassumi kundizzjonijiet ta' referenza għall-gassijiet (15 °C, 101 325 Pa).

L-ogħla livell ta' produzzjoni, il-Kapaċità ta' Rigassifikazzjoni u ta' Likwefazzjoni għandhom jiġu ddikjarati f'10^6 m^3/kull jum, jekk wieħed jassumi kundizzjonijiet ta' referenza għall-gass (15 °C, 101 325 Pa).

3. **ELETTRIKU U SĦANA**

3.1. **Prodotti tal-enerġija applikabbli**

Dan il-kapitolu jkopri s-sħana u l-elettriku.

3.2. **Lista ta' aggregati**

Il-lista ta' aggregati li ġejja għandha tiġi ddikjarata għas-sħana u l-elettriku ħlief jekk ikun speċifikat mod ieħor.

3.2.1. PRODUZZJONI TAS-SĦANA U TAL-ELETTRIKU

Id-definizzjonijiet speċifiċi li ġejjin japplikaw għall-aggregati għall-elettriku u s-sħana f'dan il-kapitolu:

— Produzzjoni Grossa tal-Elettriku: is-somma tal-produzzjoni tal-enerġija elettrika mis-settijiet kollha li jiġġeneraw kollha kkonċernati (inkluż il- ħżin ippompjat) imkejla fit-terminali tal-produzzjoni tal-ġeneraturi ewlenija.

— Produzzjoni Grossa tas-Sħana: is-sħana totali prodotta mill-installazzjoni u li tinkludi s-sħana użata mill-awżiljarji tal-installazzjoni li jużaw fluwidu sħun (it-tisħin tal-ispazju, it-tisħin tal-fjuwil likwidu, eċċ.) u t-telf fl-iskambji tas-sħana tal-installazzjoni/tan-network, kif ukoll is-sħana mill-proċessi kimiċi użati bħala forma primarja tal-enerġija.

— Produzzjoni Netta tal-Elettriku: il-produzzjoni gross tal-elettriku mingħajr l-enerġija elettrika assorbita mill-awżiljarji li jiġġeneraw u t-telf fit-trasformaturi tal-ġeneratur ewlieni.

— Produzzjoni Netta tas-Sħana: is-sħana pprovduta lis-sistema tad- distribuzzjoni kif stabbilita mill-qisien tal-flussi li ħerġin 'il barra u dawk li jirritornaw.

L-aggregati 3.2.1.1 sa 3.2.1.11 għandhom jiġu ddikjarati separatament għall-produtturi ta' attività ewlenija u għall-awtoprodutturi. Fi ħdan dawn iż-żewġ tipi ta' impjanti, kemm il-produzzjoni netta kif ukoll dik grossa tal-elettriku u tas-sħana għandhom jiġu ddikjarati għall-elettriku biss, għas-sħana biss u għal unitajiet CHP, separatament kull fejn applikabbli.

3.2.1.1. Nukleari

3.2.1.2. Idro (applikabbli biss għall-elettriku)

3.2.1.3. Ġeotermali

3.2.1.4. Solari

3.2.1.5. Mill-marea, mill-mewġ, mill-oċean (applikabbli biss għall-elettriku)

3.2.1.6. Mir-riħ (applikabbli biss għall-elettriku)

3.2.1.7. Fjuwils kombustibbli

Il-fjuwils li kapaċi jieħdu n-nar jew jinħarqu, jiġifieri li jagħmlu reazzjoni mal-ossiġnu biex tkun prodotta żieda sinifikanti fit-temperatura u li jinħarqu direttament għall-produzzjoni tal-elettriku u/jew tas-sħana.

3.2.1.8. Pompi tas-Sħana (applikabbli biss għas-sħana)

3.2.1.9. Bojlers elettriċi (applikabbli biss għas-sħana)

3.2.1.10. Sħana minn Proċessi Kimiċi

Is-sħana li toriġina minn proċessi mingħajr enerġija bħala input, bħal reazzjoni kimika. Eskluża s-sħana ta' skart li toriġina minn proċessi li jeħtieġu l-enerġija, li trid tiġi rrappurtata bħala sħana prodotta mill-fjuwil korrispondenti.

3.2.1.11. Sorsi oħra

3.2.2. PROVVISTA

Għal 3.2.2.1 u 3.2.2.2 il-kwantitajiet iddikjarati għandhom ikunu f'koerenza mal-valuri ddikjarati għall-aggregati 3.2.1.1 sa 3.2.1.11.

3.2.2.1. Produzzjoni Grossa Totali

3.2.2.2. Produzzjoni Netta Totali

3.2.2.3. Importazzjonijiet

L-ammonti ta' elettriku jitqiesu bħala importati jew esportati meta jkunu qasmu l-fruntieri politiċi tal-pajjiż, kemm jekk kien hemm awtorizzazzjoni doganali u kemm jekk le. Jekk l-elettriku jgħaddi minn pajjiż, l-ammont għandu jiġi rrappurtat kemm bħala importazzjoni kif ukoll bħala esportazzjoni.

3.2.2.4. Esportazzjonijiet

Ara l-ispjegazzjoni taħt 3.2.2.3. "Importazzjonijiet".

3.2.2.5. Użat għall-Pompi tas-Sħana (applikabbli biss għall-elettriku)

3.2.2.6. Użat għall-Bojlers Elettriċi (applikabbli biss għall-elettriku)

3.2.2.7. Użat għal Ħżin Ippompjat- impjanti ta' ħżin ippompjat pur (applikabbli biss għall-elettriku)

3.2.2.8. Użat għal Ħżin Ippompjat — Impjanti idro mħallta (applikabbli biss għall-elettriku)

3.2.2.9. Użat għall-Produzzjoni tal-Elettriku (applikabbli biss għas-sħana)

3.2.3. TELF MID-DISTRIBUZZJONI

Għall-elettriku, jinkludi t-telf fit-trasformaturi li ma jitqisux bħala partijiet integrali mill-impjanti tal-enerġija.

3.2.4. KONSUM FINALI TAL-ENERĠIJA — SETTUR TAT-TRASPORT

Il-konsum finali ta' enerġija u l-konsum finali ta' non-enerġija għandhom jiġu ddikjarati separatament għall-aggregati li ġejjin.

3.2.4.1. Ferroviji

3.2.4.2. Trasport bil-pipelines

3.2.4.3. Fuq it-triq

3.2.4.4. Mhux Speċifikat Band'Oħra — Trasport

3.2.5. KONSUM FINALI TAL-ENERĠIJA — SETTURI OĦRA

3.2.5.1. Servizzi Kummerċjali u Pubbliċi

3.2.5.2. Residenzjali

3.2.5.2.1. Residenzjali: Tisħin ta' spazju

3.2.5.2.2. Residenzjali: Tkessiħ ta' spazju

3.2.5.2.3. Residenzjali: Tisħin tal-ilma

3.2.5.2.4. Residenzjali: Tisjir

3.2.5.2.5. Illuminazzjoni u apparat

3.2.5.2.6. Residenzjali: Użi finali oħra

3.2.5.3. Agrikoltura/Forestrija

3.2.5.4. Sajd

3.2.5.5. Mhux Speċifikat Band'Oħra — Oħra

3.2.6. SETTUR TAL-ENERĠIJA

Jeskludi l-użu mill-impjant stess, użat għal ħżin ippompjat, għal pompi tas-sħana u għal bojlers elettriċi.

3.2.6.1. Minjieri tal-Faħam

3.2.6.2. Estrazzjoni taż-Żejt u l-Gass

3.2.6.3. Impjanti tal-Fjuwil bil-Privattiva

3.2.6.4. Fran tal-Kokk

3.2.6.5. Impjanti tal-BKB/PB

3.2.6.6. Impjanti tal-Manifattura tal-Gass

3.2.6.7. Kalkara tal-funderija

3.2.6.8. Raffineriji taż-Żejt mhux Maħdum

3.2.6.9. Industrija Nukleari

3.2.6.10. Impjanti tal-Likwefazzjoni tal-Faħam

3.2.6.11. Impjanti ta' Likwifikazzjoni (LNG)/ta' Rigassifikazzjoni

3.2.6.12. Impjanti tal-Gassifikazzjoni (bijogass)

3.2.6.13. Minn Gass għal Likwidi

3.2.6.14. Impjanti tal-Produzzjoni tal-Faħam tal-Kannol

3.2.6.15. Mhux Speċifikat Band'Oħra — Enerġija

3.2.7. SETTUR TAL-INDUSTRIJA

3.2.7.1. Ħadid u Azzar

3.2.7.2. Sustanzi Kimiċi u Petrokimiċi

3.2.7.3. Metalli li Ma Fihomx Ħadid

3.2.7.4. Minerali li mhumiex Metalliċi

3.2.7.5. Tagħmir tat-Trasport

3.2.7.6. Makkinarju

3.2.7.7. Tħaffir fil-Minjieri u l-Barrieri

3.2.7.8. Ikel, Xorb u Tabakk

3.2.7.9. Polpa, Karti u stampar

3.2.7.10. Injam u Prodotti tal-Injam

3.2.7.11. Kostruzzjoni

3.2.7.12. Tessuti u Ġilda

3.2.7.13. Mhux Speċifikat Band'Oħra — Industrija

3.2.8. PRODUZZJONI NETTA MINN AWTOPRODUTTURI

Il-produzzjoni netta ta' elettriku u l-ġenerazzjoni netta ta' sħana minn awtoprodutturi għandhom jiġu ddikjarati, għall-elettriku biss, għas-sħana biss u għal unitajiet ta' CHP separatament, fl-impjanti jew fl-attivitajiet li ġejjin:

3.2.8.1. Settur tal-Enerġija: Minjieri tal-Faħam

3.2.8.2. Settur tal-Enerġija: Estrazzjoni taż-Żejt u l-Gass

3.2.8.3. Settur tal-Enerġija: Impjanti tal-Fjuwil bil-Privattiva

3.2.8.4. Settur tal-Enerġija: Fran tal-Kokk

3.2.8.5. Settur tal-Enerġija: Impjanti tal-BKB/PB

3.2.8.6. Settur tal-Enerġija: Impjanti tal-Manifattura tal-Gass

3.2.8.7. Settur tal-Enerġija: Kalkara tal-funderija

Jeskludu l-istokks mandatorji miżmuma minn kumpaniji privati.

3.2.4.9. L-istokks l-oħra kollha miżmuma fit-territorju nazzjonali

L-istokks l-oħra kollha li jissodisfaw il-kundizzjonijiet deskritti fil-punt 3.2.4.1 aktar 'il fuq.

3.2.4.10. L-istokks miżmuma barra mill-pajjiż skont ftehimiet governattivi bilaterali

L-istokks li jappartjenu lil pajjiż li jkun qiegħed jirrapporta iżda li jinżammu f'pajjiż ieħor, li l-aċċess għalihom huwa garantit permezz ta' ftehim bejn il-gvernijiet rispettivi.

3.2.4.10.1. Li minnhom: L-istokks governattivi

3.2.4.10.2. Li minnhom: L-istokks tal-organizzazzjoni possedenti

3.2.4.10.3. Li minnhom: Stokks oħra

3.2.4.11. L-istokks miżmuma barra mill-pajjiż magħżula definittivament bħala stokks ta' importazzjoni

L-istokks li mhumiex inklużi fil-kategorija 10 li jappartjenu lill-Istat tar-rapportaġġ iżda li jinżammu fi Stat ieħor u li qegħdin jistennew li jiġu importati hemmhekk.

3.2.4.12. Stokks oħra f'żoni riżervati

Stokks oħra fit-territorju nazzjonali mhux inklużi fil-kategoriji ta' hawn fuq.

3.2.4.13. Kontenut tal-pipelines

Żejt (żejt mhux raffinat u prodotti taż-żejt mhux maħdum) li jinsabu fil-pipelines, li huma meħtieġa sabiex jinżamm il-fluss fil-pipelines.

Barra minn hekk, għandu jkun hemm dikjarazzjoni għall-analiżi statistika tal-kwantitajiet skont il-pajjiż korrispondenti:

3.2.4.13.1. l-istokks tal-għeluq miżmuma għal pajjiżi oħrajn skont ftehim uffiċjali, skont il-benefiċjarju,

3.2.4.13.2. l-istokks tal-għeluq miżmuma għal pajjiżi oħrajn skont ftehim uffiċjali, li minnhom hemm dawk miżmuma bħala biljetti tal-istokk, skont il-benefiċjarju,

3.2.4.13.3. stokks tal-għeluq b'destinazzjoni barranija magħrufa, skont il-benefiċjarju,

3.2.4.13.4. l-istokks tal-għeluq miżmuma barra mill-pajjiż skont ftehim uffiċjali, skont il-post,

3.2.4.13.5. l-istokks tal-għeluq miżmuma barra mill-pajjiż skont ftehim uffiċjali, li minnhom hemm dawk miżmuma bħala biljetti tal-istokk, skont il-post,

3.2.4.13.6. l-istokks tal-għeluq miżmuma barra mill-pajjiż u magħżula definittivament għall-importazzjoni fil-pajjiż tad-dikjarant, skont il-post.

Stokks tal-ftuħ tfisser l-istokks fl-aħħar jum tax-xahar ta' qabel dak irrapportat. Stokks tal-għeluq tfisser l-istokks fl-aħħar jum tax-xahar irrapportat.

3.3. **Unitajiet ta' kejl**

Il-kwantitajiet irrappurtati għandhom jiġu ddikjarati f'kt (kilo-tunnellati).

3.4. **Skadenza għat-trażmissjoni ta' dejta**

Fi żmien 55 jum wara x-xahar irrappurtat.

3.5. **Noti ġeografiċi**

Għal finijiet ta' rapportaġġ statistiku biss, japplikaw il-kjarifiki tal-Kapitolu 1 fl-Anness A bl-eċċezzjonijiet speċifiċi li ġejjin: L-Iżvizzera tinkludi l-Liechtenstein

4. GASS NATURALI

4.1. **Prodotti tal-enerġija applikabbli**

Dan il-kapitolu jkopri r-rappurtar ta' gass naturali.

4.2. **Lista ta' aggregati**

L-aggregati li ġejjin għandhom jiġu ddikjarati għal gass naturali.

4.2.1. PRODUZZJONI INDIĠENA

Il-produzzjoni niexfa kollha li tista' titqiegħed fis-suq fi ħdan il-fruntieri nazzjonali, inkluża l-produzzjoni lil hinn mix-xtut. Il-produzzjoni titkejjel wara l-purifikazzjoni u l-estrazzjoni tal-NGLs u tal-kubrit. Teskludi t-telf mill-estrazzjoni u l-kwantitajiet injettati mill-ġdid, tħallew joħorġu minn fetħa jew ġew ivvampjati. Tinkludi kwantitajiet użati fl-industrija tal-gass naturali; fl-estrazzjoni tal-gassijiet, fis-sistemi tal-pipelines u fl-impjanti tal-ipproċessar.

4.2.2. IMPORTAZZJONIJIET (DĦUL)

4.2.3. ESPORTAZZJONIJIET (ĦRUĠ)

Nota għall-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet: Iridu jiġu rrappurtati l-volumi kollha ta' gass naturali li fiżikament qasmu l-fruntieri nazzjonali tal-pajjiż, kemm jekk kien hemm awtorizzazzjoni doganali u kemm jekk le. Dan jinkludi kwantitajiet li jgħaddu mill-pajjiż tiegħek; il-volumi ta' tranżitu għandhom jiġu inklużi bħala importazzjoni u bħala esportazzjoni. Importazzjonijiet ta' gass naturali likwifikat għandhom ikopru biss l-ekwivalenti niexfa li tista' titqiegħed fis-suq, inklużi ammonti użati bħala konsum proprju fil-proċess ta' rigassifikazzjoni. L-ammonti użati bħala konsum proprju matul ir-rigassifikazzjoni għandhom jiġu rrappurtati taħt Użu minnhom stess u telf tal-industrija tal-gass naturali (ara 4.2.11). Kwalunkwe likwidu tal-gass (eż. LPG) estratt matul il-proċess ta' rigassifikazzjoni ta' LNG importat għandu jiġi rrappurtat taħt inputs "Irċevuti minn sorsi oħra" ta' "Idrokarburi oħra" kif definit fil-kapitolu 3 ta' dan l-anness (ŻEJT U PRODOTTI TAŻ-ŻEJT MHUX MAĦDUM).

4.2.4. BIDLIET FL-ISTOKK

Żieda fl-istokk tintwera bħala numru pożittiv u tnaqqis fl-istokk jintwera bħala numru negattiv.

4.2.5. KONSENJI INTERNI GROSSI OSSERVATI

Din il-kategorija tirrappreżenta konsenji ta' gass li jista' jitqiegħed fis-suq għas-suq intern, inkluż gass użat mill-industrija tal-gass għat-tisħin u t-tħaddim tat-tagħmir tagħhom (jiġifieri konsum fl-estrazzjoni tal-gass, fis-sistema tal-pipelines u fl-impjanti tal-ipproċessar); telf fit-trażmissjoni u d-distribuzzjoni għandu wkoll jiġi inkluż.

4.2.6. LIVELLI TAL-FTUĦ TA' STOKKS MIŻMUMA FIT-TERRITORJU NAZZJONALI

4.2.8. LIVELLI TAL-GĦELUQ TA' STOKKS MIŻMUMA FIT-TERRITORJU NAZZJONALI

4.2.9. LIVELLI TAL-FTUĦ TA' STOKKS MIŻMUMA BARRA 'L PAJJIŻ

4.2.10. LIVELLI TAL-GĦELUQ TA' STOKKS MIŻMUMA BARRA 'L PAJJIŻ

Nota għal-livelli ta' stokks: huwa inkluż gass naturali maħżun f'forma gassuża kif ukoll fil-forma likwifikata.

4.2.11. UŻU MINNHOM STESS U TELF TAL-INDUSTRIJA TAL-GASS NATURALI

Il-kwantitajiet tal-użu mill-industrija tal-gass stess għat-tisħin u għat-tħaddim tal-apparat tagħha (jiġifieri l-konsum fl-estrazzjoni tal-gass, fis-sistema tal-pipelines u fl-impjanti tal-ipproċessar); inkluż telf fit-trażmissjoni u fid-distribuzzjoni.

4.2.12. IMPORTAZZJONIJIET (DĦUL) SKONT L-ORIĠINI U ESPORTAZZJONIJIET (ĦRUĠ) SKONT ID-DESTINAZZJONI

L-importazzjonijiet (dħul) skont il-pajjiż tal-oriġini u l-esportazzjonijiet (ħruġ) skont il-pajjiż tad-destinazzjoni għandhom jiġu rrappurtati. In-nota għall-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet fit-taqsima 4.2.3 hija applikabbli. L-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet għandhom jiġu ddikjarati biss għall-pajjiż tal-viċinat jew il-pajjiż b'konnessjoni tal-pipelines diretta u għall-pajjiż fejn il-gass ġie mgħobbi fuq il-vapur tat-trasport fil-każ ta' LNG.

4.3. Unitajiet ta' kejl

Il-kwantitajiet għandhom jiġu ddikjarati f'żewġ unitajiet:

4.3.1. fi kwantità fiżika, f'Miljuni ta' m^3 (miljun metru kubiku) meta wieħed jassumi kundizzjonijiet ta' referenza għall-gass (15 °C, 101 325 Pa),

4.3.2. f'kontenut ta' enerġija, f'TJ (tera-joules), abbażi tal-valur kalorifiku gross.

4.4. Skadenza għat-trażmissjoni ta' dejta

Fi żmien 55 jum wara x-xahar irrappurtat.

ANNESS D

STATISTIKA TA' KULL XAHAR TUL MEDDA QASIRA TA' ŻMIEN

Dan l-Anness jiddeskrivi l-ambitu, l-unitajiet, il-perjodu rrappurtat, il-frekwenza, l-iskadenza u l-modalitajiet ta' trażmissjoni għall-ġbir ta' kull xahar tul medda qasira ta' żmien tad-dejta statistika.

L-Anness A japplika għal spjegazzjonijiet tat-termini li għalihom mhix ipprovduta spjegazzjoni speċifika f'dan l-Anness.

Id-dispożizzjonijiet li ġejjin japplikaw għall-ġbir ta' dejta kollu speċifikat f'dan l-anness:

(a) Perjodu rrappurtat: Il-perjodu rrappurtat ta' dejta ddikjarata għandu jkun xahar kalendarju.

(b) Frekwenza: Id-dejta għandha tiġi ddikjarata fuq bażi ta' kull xahar.

(c) Format ta' trażmissjoni: Il-format tat-trażmissjoni għandu jikkonforma ma' standard ta' skambju adatt speċifikat mill-Eurostat.

(d) Metodu ta' trażmissjoni: Id-dejta għandha tiġi trażmessa jew imtella' b'mezzi elettroniċi fil-punt uniku tad-dħul għad-dejta fil-Eurostat.

1. **GASS NATURALI**

1.1. **Prodotti tal-enerġija applikabbli**

Dan il-kapitolu jkopri r-rappurtar ta' gass naturali.

1.2. **Lista ta' aggregati**

L-aggregati li ġejjin għandhom jiġu ddikjarati.

1.2.1. Produzzjoni

1.2.2. Importazzjonijiet

1.2.3. Esportazzjonijiet

1.2.4. Bidla fl-istokk

1.2.5. Stokks totali tal-għeluq fit-territorju nazzjonali

1.3. **Unitajiet ta' kejl**

Il-kwantitajiet irrappurtati għandhom jiġu ddikjarati f'TJ (tera-joules), abbażi tal-valur kalorifiku gross (GCV).

1.4. **Skadenza għat-trażmissjoni ta' dejta**

Fi żmien xahar kalendarju wieħed wara x-xahar irrappurtat.

2. **ELETTRIKU**

2.1. **Prodotti tal-enerġija applikabbli**

Dan il-kapitolu jkopri r-rappurtar ta' elettriku.

2.2. **Lista ta' aggregati**

L-aggregati li ġejjin għandhom jiġu ddikjarati.

2.2.1. PRODUZZJONI TOTALI TA' ELETTRIKU

Il-kwantità gross totali tal-elettriku ġġenerat.

Tinkludi l-konsum tal-impjanti tal-enerġija stess.

2.2.2. IMPORTAZZJONIJIET

L-ammonti ta' elettriku jitqiesu bħala importati meta jkunu qasmu l-fruntieri politiċi tal-pajjiż, kemm jekk kien hemm awtorizzazzjoni doganali u kemm jekk le. Jekk l-elettriku jgħaddi minn pajjiż, l-ammont għandu jiġi rrappurtat kemm bħala importazzjoni kif ukoll bħala esportazzjoni.

2.2.3. ESPORTAZZJONIJIET

L-ammonti ta' elettriku jitqiesu bħala esportati meta jkunu qasmu l-fruntieri politiċi tal-pajjiż, kemm jekk kien hemm awtorizzazzjoni doganali u kemm jekk le. Jekk l-elettriku jgħaddi minn pajjiż, l-ammont għandu jiġi rrappurtat kemm bħala importazzjoni kif ukoll bħala esportazzjoni.

2.3. **Unitajiet ta' kejl**

Kwantitajiet irrappurtati għandhom jiġu ddikjarati f'GWh (sigħat ta' giga-watt)

2.4. **Skadenza għat-trażmissjoni ta' dejta**

Fi żmien xahar kalendarju wieħed wara x-xahar irrappurtat.

2.5. **Derogi u eżenzjonijiet**

Il-Ġermanja hija eżentata minn dan il-ġbir tad-dejta.

3. **ŻEJT U PRODOTTI TAŻ-ŻEJT MHUX MAĦDUM**

3.1. **Prodotti tal-enerġija applikabbli**

Dan il-kapitolu jkopri r-rappurtar ta':

3.1.1. Żejt mhux raffinat

3.1.2. LPG

3.1.3. Gażolina (li hija s-somma ta' gażolina għall-magni u tal-gażolina għall-avjazzjoni)

3.1.4. Pitrolju (li huwa s-somma ta' fjuwil tal-ġett tat-tip tal-pitrolju u pitrolju ieħor)

3.1.5. Żejt tal-gass/diżil

3.1.6. Żejt tal-fjuwil.

3.1.7. "Żejt totali", li tfisser is-somma tal-prodotti elenkati hawn fuq kollha ħlief iż-żejt mhux raffinat, u għandha tinkludi wkoll il-prodotti taż-żejt mhux maħdum l-oħra kollha definiti fl-Anness A (bħall-gass tar-raffineriji, l-etan, in-nafta, il-kokk taż-żejt mhux maħdum, l-ispirtu abjad u l-SBP, ix-xemgħat tal-paraffin, il-bitumen, il-lubrikanti u oħrajn).

3.2. **Lista ta' aggregati**

L-aggregati li ġejjin għandhom jiġu ddikjarati għall-prodotti tal-enerġija kollha elenkati fil-paragrafu preċedenti.

3.2.1. Il-produzzjoni għal żejt mhux raffinat u l-produzzjoni tar-raffinerija (il-produzzjoni gross, inkluż il-fjuwil tar-raffineriji) għall-prodotti l-oħra kollha elenkati fit-taqsima 3.1.

3.2.2. Importazzjonijiet

3.2.3. Esportazzjonijiet

3.2.4. Stokks tal-għeluq

3.2.5. Bidla fl-istokk

Żieda fl-istokk tintwera bħala numru pożittiv u tnaqqis fl-istokk jintwera bħala numru negattiv.

3.2.6. Konsum tar-Raffinerija (l-ammont ta' materjal ipproċessat mir-raffinerija li ġie osservat) għaż-żejt mhux raffinat u Domanda għall-prodotti l-oħra kollha li huma elenkati fit-Taqsima 3.1.

Id-domanda hija definita bħala konsenji jew bejgħ lis-suq intern (konsum domestiku) flimkien mal-Fjuwil tar-Raffineriji flimkien mal-Bunkers tal-Baħar u tal-Avjazzjoni Internazzjonali. Domanda għal Żejt Totali tinkludi Żejt Mhux Raffinat.

3.3. **Unitajiet ta' kejl**

Il-kwantitajiet irrappurtati għandhom jiġu ddikjarati f'kt (kilo-tunnellati).

3.4. **Skadenza għat-trażmissjoni ta' dejta**

Fi żmien 25 jum wara x-xahar irrappurtat.".

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2011

tad-9 ta' Novembru 2017

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 951/2007 li jistabbilixxi r-regoli tal-implimentazzjoni tal-programmi ta' kooperazzjoni transkonfinali ffinanzjati fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument Ewropew tal-Viċinat ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(1) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni adottat ir-Regolament (KE) Nru 951/2007 ([2]) li jistabbilixxi r-regoli tal-implimentazzjoni tal-programmi ta' kooperazzjoni transkonfinali ffinanzjati fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(2) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 435/2011 ([4]), minħabba d-dewmien biex jinbdew il-programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija, il-fażi ta' implimentazzjoni tal-proġetti stipulati fil-punt (b) tal-Artikolu 43(2) tar-Regolament (KE) Nru 951/2007 ġiet estiża mill-31 ta' Diċembru 2014 sal-31 ta' Diċembru 2015. Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1343/2014 ([5]), il-fażi tal-għeluq u d-dispożizzjonijiet rilevanti stabbiliti fil-paragrafu (1), il-punt (c) tal-paragrafu (2) u l-paragrafu (3) tal-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 951/2007 ġew adattati kif meħtieġ u ġew estiżi sal-31 ta' Diċembru 2017.

(3) Sabiex tingħata ċertezza legali għall-pajjiżi parteċipanti, huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-arranġamenti u l-proċeduri speċifiċi għall-għeluq u għar-rinunzji mill-Awtoritajiet Konġunti ta' Amministrazzjoni, li jirrispettaw il-prinċipji tat-trattament ugwali, tat-trasparenza, tal-ġestjoni finanzjarja tajba u tal-proporzjonalità.

(4) L-Awtorità Konġunta ta' Amministrazzjoni tista', f'każijiet speċifiċi li jridu jiġu identifikati fi struzzjonijiet xierqa mill-Kummissjoni u f'konformità mal-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba u tal-proporzjonalità, tirrinunzja għal ordni ta' rkupru mingħajr l-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni.

(5) L-iskadenza tal-31 ta' Diċembru 2017 kif stipulata fir-Regolament (KE) Nru 951/2007, kif emendat, ma tistax tintlaħaq minħabba l-akkumulazzjoni tad-dewmien u l-kumplessità tal-proċess tal-għeluq. Dik l-iskadenza jenħtieġ għalhekk li tiġi estiża sa 36 xahar mis-sottomissjoni tar-rapport finali.

(6) Jenħtieġ li jiġi rikonoxxut li l-Kummissjoni tista' tiġi mwaqqfa milli tirrispetta l-iskadenza għall-għeluq ta' programmi operattivi konġunti f'każ ta' investigazzjonijiet ġudizzjarji u oħrajn u ta' forza maġġuri.

(7) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni immedjata tal-miżuri previsti f'dan ir-Regolament, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(8) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 232/2014.

(9) Ir-Regolament (KE) Nru 951/2007 għaldaqstant jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

([1]) ĠU L 77, 15.3.2014, p. 27.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2007 tad-9 ta' Awwissu 2007 li jistabbilixxi r-regoli ta' l-implimentazzjoni tal-programmi ta' kooperazzjoni transkonfinali ffinanzjati fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ĠU L 210, 10.8.2007, p. 10).
([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 1).
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 435/2011 tal-5 ta' Mejju 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 951/2007 li jistabbilixxi r-regoli ta' implimentazzjoni tal-programmi ta' kooperazzjoni transkonfinali ffinanzjati fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 118, 6.5.2011, p. 1).
([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1343/2014 tas-17 ta' Diċembru 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 951/2007 li jistabbilixxi r-regoli ta' implimentazzjoni tal-programmi ta' kooperazzjoni transkonfinali ffinanzjati fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 363, 18.12.2014, p. 75).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 951/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 27, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-Awtorità Konġunta ta' Amministrazzjoni għandha teżerċita diliġenza xierqa sabiex tiżgura r-rimborż fi żmien sena wara l-ħruġ tal-ordni ta' rkupru. B'mod partikolari, hija għandha tiżgura li t-talba tkun ċerta, ta' ammont fiss u dovuta. Meta l-Awtorità Konġunta ta' Amministrazzjoni tkun qed tippjana li tirrinunzja għall-irkupru ta' dejn stabbilit, hija għandha tiżgura li r-rinunzja tkun kif suppost u tkun konformi mal-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba u tal-proporzjonalità. Id-deċiżjoni ta' rinunzja trid tiġi ssostanzjata u trid tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni u lill-Kumitat Konġunt ta' Monitoraġġ għall-approvazzjoni minn qabel. Abbażi ta' struzzjonijiet xierqa tal-Kummissjoni, l-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni tista' ma tkunx meħtieġa";

(2) L-Artikolu 43 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-perjodu ta' eżekuzzjoni ta' kull programm operazzjonali konġunt għandu jibda l-aktar kmieni fid-data tal-adozzjoni tal-programm operazzjonali konġunt mill-Kummissjoni u jintemm mhux aktar tard minn 36 xahar wara l-preżentazzjoni tar-rapport finali.";

(b) il-punt (c) tal-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) fażi ta' għeluq finanzjarju tal-programm operazzjonali konġunt li tinkludi l-għeluq finanzjarju tal-kuntratti kollha konklużi bħala parti mill-programm, l-evalwazzjoni *ex post* tal-programm, is-sottomissjoni tar-rapport finali u l-ħlas finali jew l-irkupru finali mill-Kummissjoni. Din il-fażi għandha tintemm mhux aktar tard minn 36 xahar wara l-preżentazzjoni tar-rapport finali.";

(3) fl-Artikolu 46, huwa miżjud il-paragrafu 3 li ġej:

"3. Meta l-Awtorità Konġunta ta' Amministrazzjoni ma tkunx setgħet tiddikjara lill-Kummissjoni l-ammonti finali minħabba:

(a) proġetti li jkunu ġew sospiżi minn proċediment legali jew minn appell amministrattiv li jkollhom effett sospensiv; jew

(b) raġunijiet ta' forza maġġuri li jaffettwaw b'mod serju l-implimentazzjoni tal-programm kollu jew ta' parti minnu;

id-data ta' tmiem il-perjodu ta' eżekuzzjoni kif stabbilita fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 43 ma għandhiex tapplika għall-parti tal-programm ikkonċernata mill-punti (a) jew (b) ta' dan il-paragrafu."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Novembru 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/2012

tas-7 ta' Novembru 2017

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/232/UE li tawtorizza lir-Rumanija biex tapplika miżuri ta' deroga mill-Artikolu 26(1)(a) u l-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 395 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE jistabbilixxi d-dritt ta' persuna taxxabbli għal tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) imposta fuq il-provvisti ta' merkanzija u ta' servizzi li tkun irċeviet għall-finijiet tat-tranżazzjonijiet taxxabbli tagħha. L-Artikolu 26(1)(a) ta' dik id-Direttiva fih rekwiżit li l-VAT tiġi ddikjarata meta xi assi ta' negozju jintuża għall-użu privat tal-persuna taxxabbli jew tal-impjegati tagħha jew, b'mod aktar ġenerali, għal skopijiet oħrajn mhux relatati man-negozju tagħha.

(2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/232/UE ([2]) awtorizzat lir-Rumanija, tapplika miżuri ta' deroga skont l-Artikolu 395(1) tad-Direttiva 2006/112/KE sal-31 ta' Diċembru 2014, sabiex timplimenta miżura li tillimita d-dritt ta' tnaqqis tal-VAT għal 50 % fuq ix-xiri, l-akkwist intra-Komunitarju, l-importazzjoni, il-kiri jew il-lokazzjoni ta' vetturi tat-triq bil-magna, kif ukoll il-VAT fuq in-nefqa marbuta ma' vetturi ta' dan it-tip, inkluż il-fjuwil, meta l-vetturi ma jintużawx esklużivament għal skopijiet kummerċjali. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/156 ([3]) estendiet il-perijodu ta' validità tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/232/UE sal-31 ta' Diċembru 2017.

(3) Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fil-5 ta' April 2017, ir-Rumanija talbet awtorizzazzjoni biex tkompli tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 26(1)(a) u mill-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE sabiex tirrestrinġi d-dritt ta' tnaqqis b'rabta man-nefqa fuq ċerti vetturi tat-triq bil-magna li ma jintużawx esklużivament għal skopijiet kummerċjali.

(4) L-applikazzjoni ta' rata perċentwali fissa għall-ammont tal-VAT dwar in-nefqa eliġibbli għat-tnaqqis rigward vetturi tat-triq bil-magna li ma jintużawx esklużivament għal skopijiet kummerċjali tissimplifika l-proċedura għall-ġbir tal-VAT.

(5) B'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra bit-talba tar-Rumanija permezz ta' ittra datata t-28 ta' Ġunju 2017. Permezz ta' ittra datata d-29 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni nnotifikat lir-Rumanija li kellha l-informazzjoni kollha li kkunsidrat meħtieġa biex tevalwa t-talba.

(6) B'konformità mal-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/232/UE, ir-Rumanija bagħtet, flimkien mat-talba għal estensjoni, rapport lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni. Abbażi ta' informazzjoni disponibbli attwalment, ir-Rumanija tiddikjara li l-limitu ta' 50 % għadu ġustifikabbli u jibqa' xieraq.

([1]) ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/232/UE tas-26 ta' April 2012 li tawtorizza lir-Rumanija biex tapplika miżuri ta' deroga mill-Artikolu 26(1)(a) u l-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 117, 1.5.2012, p. 7).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/156 tas-27 ta' Jannar 2015 li testendi l-perjodu ta' validità tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/232/UE li tawtorizza lir-Rumanija biex tapplika miżuri ta' deroga mill-Artikolu 26(1)(a) u mill-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 26, 31.1.2015, p. 27).

(7) Jenħtieġ li l-estensjoni tal-miżuri ta' deroga jkollha limitu taż-żmien biex tkun tista' ssir evalwazzjoni tal-effettività tagħhom u tal-persentaġġ xieraq. Għalhekk, jenħtieġ li r-Rumanija tkun awtorizzata tkompli tapplika l-miżuri għal perijodu limitat, sal-31 ta' Diċembru 2020.

(8) Fil-każ li r-Rumanija tikkunsidra li estensjoni tal-awtorizzazzjoni lil hinn mill-2020 hija neċessarja, jenħtieġ li tibgħat talba għal estensjoni lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2020, flimkien ma' rapport lill-Kummissjoni li jinkludi rieżami tal-limitu tal-perċentwali applikat.

(9) Id-deroga se jkollha effett negliġibbli biss fuq l-ammont globali tad-dħul mit-taxxa miġbur fl-istadju tal-konsum finali u mhux se jkollha effett avvers fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li ġejjin mill-VAT.

(10) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/232/UE tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/232/UE jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

1. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fid-data tad-dħul fis-seħħ tar-regoli tal-Unjoni li jiddeterminaw in-nefqa marbuta mal-vetturi tat-triq bil-magna li ma tikkwalifikax għal tnaqqis sħiħ tal-VAT, jew fil-31 ta' Diċembru 2020, skont liema data tiġi l-ewwel.

2. Kull talba għall-estensjoni tal-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni għandha tintbagħat lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2020. Talba bħal din għandha tiġi akkumpanjata minn rapport li jkun jinkludi rieżami tar-restrizzjoni tal-perċentwali applikat fuq id-dritt ta' tnaqqis tal-VAT abbażi ta' din id-Deċiżjoni.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2018.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Rumanija.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Novembru 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

T. TÕNISTE

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/2013

tas-7 ta' Novembru 2017

li tawtorizza lir-Renju tan-Netherlands jintroduċi miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE jipprevedi li persuna taxxabbli li tforni merkanzija jew servizzi hija, bħala regola ġenerali, responsabbli għall-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) lill-awtoritajiet tat-taxxa.

(2) Skont l-Artikolu 199a(1)(g) tad-Direttiva 2006/112/KE, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT fuq fornimenti ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni hija l-persuna taxxabbli li lilha jsir il-forniment (il-mekkaniżmu tar-reverse charge). In-Netherlands ma jagħmlux użu minn din l-għażla.

(3) Reċentement ġew skoperti każijiet ta' frodi fis-settur tas-servizzi tat-telekomunikazzjoni fin-Netherlands. Konsegwentement, in-Netherlands jixtiequ jintroduċu l-mekkaniżmu tar-reverse charge għall-fornimenti domestiċi ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni.

(4) Skont l-Artikolu 199a(1) tad-Direttiva 2006/112/KE, il-mekkaniżmu tar-reverse charge jista' jiġi applikat biss sal-31 ta' Diċembru 2018 u l-perijodu minimu ta'applikazzjoni huwa ta' sentejn. Minħabba li l-kundizzjoni tal-perijodu minimu ta' applikazzjoni ma jistax jiġi ssodisfat, in-Netherlands ma jistgħux japplikaw il-mekkaniżmu tar-reverse charge abbażi tal-Artikolu 199a(1)(g) ta' dik id-Direttiva.

(5) Konsegwentement, permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fil-11 ta' Lulju 2017, in-Netherlands talbu deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE biex ikunu awtorizzati japplikaw il-mekkaniżmu tar-reverse charge għall-fornimenti ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni abbażi tal-Artikolu 395 ta' dik id-Direttiva.

(6) F'konformità mal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra permezz ta' ittra datata l-5 ta' Settembru 2017 bit-talba magħmula min-Netherlands. Permezz ta' ittra datata s-6 ta' Settembru 2017, il-Kummissjoni nnotifikat lin-Netherlands li kellha l-informazzjoni li hija tqis neċessarja biex tqis it-talba.

(7) L-għan tad-deroga mitluba huwa li tevita l-frodi tal-VAT fis-settur tas-servizzi tat-telekomunikazzjoni. Minkejja li l-fornimenti ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni huma suxxettibbli għall-frodi u qed jiġu ssorveljati mill-qrib, in-Netherlands reċentement skoprew skemi kummerċjali frodulenti b'rabta ma' minuti ta' telefonati li jinvolvu għadd ta' negozjanti nieqsa u ta' kumpaniji buffer. Dawk l-iskemi jirriżultaw f'telf sinifikanti ta' dħul mit-taxxa.

(8) Abbażi tal-informazzjoni mressqa min-Netherlands, il-metodi konvenzjonali għall-identifikazzjoni u l-prevenzjoni tal-frodi mhumiex effettivi, minħabba li s-servizzi involuti jiġu minn barra l-Unjoni u ma jissemmew fl-ebda reġistru jew lista. Il-ħlasijiet isiru permezz ta' pjattaformi ta' ħlas f'kontijiet bankarji barra l-Unjoni u dan jagħmel it-tranżazzjonijiet aktar diffiċli biex jiġu identifikati u impossibbli li tinkiseb informazzjoni mill-banek. In-Netherlands jenfasizzaw li mingħajr il-mekkaniżmu tar-reverse charge għas-servizzi kkonċernati t-telf ta' taxxa se jiżdied b'mod esponenzjali.

(9) Għalhekk, jenħtieġ li n-Netherlands ikunu awtorizzati japplikaw il-mekkaniżmu tar-reverse charge għall-fornimenti ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2018.

(10) Id-deroga ma għandha l-ebda impatt negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jirriżultaw mill-ġbir tal-VAT,

([1]) ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE, fil-każ ta' fornimenti ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni, in-Netherlands huma awtorizzati li jinnominaw lir-riċevitur tal-forniment bħala l-persuna responsabbli biex tħallas il-VAT lill-awtoritajiet tat-taxxa.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha.

Ghandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2018.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tan-Netherlands.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Novembru 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

T. TÕNISTE

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2014

tat-8 ta' Novembru 2017

li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq li ġarrbu l-Istati Membri fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (l-FAEG) u fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (l-FAEŻR)

(notifikata bid-dokument C(2017) 7263)

(It-testi bl-ilsien Bulgaru, Kroat, Netherlandiż, Ċek, Ingliż, Finlandiż, Franċiż, Ġermaniż, Grieg, Taljan, Litwan, Latvjan, Pollakk, Portugiż, Rumen, Slovakk, Spanjol u Żvediż biss huma awtentiċi)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 52 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 31 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 [2] u, mill-1 ta' Jannar 2015, skont l-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, il-Kummissjoni għandha twettaq il-verifiki meħtieġa, tibgħat ir-riżultati ta' dawn il-verifiki lill-Istati Membri, tieħu nota tal-kummenti tal-Istati Membri, tibda diskussjonijiet bilaterali mal-Istati Membri kkonċernati biex ikun jista' jintlaħaq ftehim magħhom, u tibagħtilhom b'mod formali l-konklużjonijiet tagħha.

(2) L-Istati Membri kellhom l-opportunità jitolbu li titnieda proċedura ta' konċiljazzjoni. Dik l-opportunità ntużat f'xi każijiet u l-Kummissjoni eżaminat ir-rapporti li nħarġu dwar l-eżitu tagħha.

(3) Skont ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013, tista' tiġi ffinanzjata biss in-nefqa agrikola li tkun iġġarrbet b'tali mod li ma tkunx inkisret il-liġi tal-Unjoni.

(4) Fid-dawl tal-verifiki li twettqu u tal-eżitu tad-diskussjonijiet bilaterali u tal-proċeduri ta' konċiljazzjoni, parti min-nefqa li ddikjaraw l-Istati Membri ma tissodisfax dan ir-rekwiżit, u għaldaqstant ma tistax tiġi ffinanzjata mill-FAEG u mill-FAEŻR.

(5) Jenħtieġ li jiġu indikati l-ammonti li mhumiex meqjusa bħala ammonti li jistgħu jitħallsu mill-FAEG u mill-FAEŻR. Dawk l-ammonti mhumiex marbutin man-nefqa li ġġarrbet aktar minn 24 xahar qabel in-notifika bil-miktub tal-Kummissjoni dwar ir-riżultati tal-verifiki lill-Istati Membri.

(6) L-ammonti esklużi mill-finanzjament tal-Unjoni b'din id-Deċiżjoni jenħtieġ li jqisu wkoll xi tnaqqis jew sospensjoni skont l-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 minħabba l-fatt li dan it-tnaqqis jew sospensjoni huma ta' natura provviżorja u mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet meħuda skont l-Artikoli 51 jew 52 ta' dak ir-Regolament.

(7) F'dak li għandu x'jaqsam mal-każijiet li tkopri din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Istati Membri dwar il-valutazzjoni tal-ammonti li jridu jiġu esklużi minħabba n-nuqqas ta' konformità tagħhom mal-liġi tal-Unjoni f'rapport ta' sinteżi li ħarġet dwar is-suġġett [3].

(8) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għal kull konklużjoni finanzjarja li tista' tasal għaliha l-Kummissjoni abbażi tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'kawżi pendenti fl-1 ta' Settembru 2017,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-ammonti stabbiliti fl-Anness li huma marbutin man-nefqa li ġarrbu l-aġenziji tal-pagamenti akkreditati tal-Istati Membri u li ġew iddikjarati fil-kuntest tal-FAEG jew tal-FAEŻR għandhom jiġu esklużi mill-finanzjament tal-Unjoni.

(1) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549
(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1).
(3) Ares(2017)5181852, 24 ta' Ottubru 2017)

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, r-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju tan-Netherlands ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tal-Iżvezja, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Novembru 2017.

Għall-Kummissjoni

Phil HOGAN

Membru tal-Kummissjoni

Id-Deċiżjoni: 55

Il-Partita tal-baġit: 05040501

L-Istat Membru	Il-miżura	Is-sena finan-zjarja	Ir-raġuni	It-tip	Il-korrezzjoni f'perċentwali	Il-munita	L-ammont	It-tnaqqis	L-impatt finanzjarju
BG	Żvilupp rurali li jaqa' taħt l-investiment tal-FAEŻR — il-benefiċjarji privati	2014	L-effett finanzjarju tad-Deċiżjoni C(2015)4085 li naqqset il-pagamenti interim relatati mal-infiq li sar fil-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2014 u l-31 ta' Diċembru 2014.	TA' DARBA BISS		EUR	724 824,25	0,00	724 824,25
	Żvilupp rurali li jaqa' taħt l-investiment tal-FAEŻR — il-benefiċjarji privati	2015	L-effett finanzjarju tad-Deċiżjoni C(2015)4085 li naqqset il-pagamenti interim relatati mal-infiq li sar fil-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2014 u l-31 ta' Diċembru 2014.	TA' DARBA BISS		EUR	485 042,74	0,00	485 042,74
	Żvilupp rurali li jaqa' taħt l-investiment tal-FAEŻR — il-benefiċjarji privati	2015	L-effett finanzjarju ta' dik id-Deċiżjoni C(2015)5692 li parzjalment li ssospendiet il-pagamenti provviżorji relatati mal-infiq li sar fil-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2015 u l-31 ta' Marzu 2015.	TA' DARBA BISS		EUR	434 253,44	0,00	434 253,44
					Total għall-Bulgarija:	**EUR**	**1 644 120,43**	**0,00**	**1 644 120,43**

L-Istat Membru	Il-miżura	Is-sena finan-zjarja	Ir-raġuni	It-tip	Il-korrezzjoni f'perċentwali	Il-munita	L-ammont	It-tnaqqis	L-impatt finanzjarju
DE	Żvilupp rurali li jaqa' taħt l-investiment tal-FAEŻR — il-benefiċjarji privati	2014	Rimborż tal-ammonti diġà kkreditati lill-Fond	TA' DARBA BISS		EUR	2 606,53	0,00	2 606,53
					Total għall-Ġermanja:	**EUR**	**2 606,53**	**0,00**	**2 606,53**

L-Istat Membru	Il-miżura	Is-sena finanzjarja	Ir-raġuni	It-tip	Il-korrezzjoni f'perċentwali	Il-munita	L-ammont	It-tnaqqis	L-impatt finanzjarju
GR	Żvilupp rurali li jaqa' taħt l-Assi 2 tal-FAEŻR (għall-2007 sal-2013, miżuri relatati maż-żona)	2009	Rimborż wara s-sentenza fil-kawża T-112/15	RATA FISSA	5,00 %	EUR	5 007 867,36	2 318 055,75	2 689 811,61
					Total għall-Greċja:	**EUR**	**5 007 867,36**	**2 318 055,75**	**2 689 811,61**

L-Istat Membru	Il-miżura	Is-sena finanzjarja	Ir-raġuni	It-tip	Il-korrezzjoni f'perċentwali	Il-munita	L-ammont	It-tnaqqis	L-impatt finanzjarju
PL	Iċ-ċertifikazzjoni	2010	Rimborż tal-parti tad-dejn irkuprat lill-Fond	TA' DARBA BISS		EUR	24 776,09	0,00	24 776,09
					Total għall-Polonja:	**EUR**	**24 776,09**	**0,00**	**24 776,09**

Il-munita	L-ammont	It-tnaqqis	L-impatt finanzjarju
EUR	6 679 370,41	2 318 055,75	4 361 314,66

Il-Partita tal-baġit: 05070107

L-Istat Membru	Il-miżura	Is-sena finanzjarja	Ir-raġuni	It-tip	Il-korrezzjoni f'perċentwali	Il-munita	L-ammont	It-tnaqqis	L-impatt finanzjarju
ES	L-għajnuniet diretti diżakkoppjati	2010	Rimborż wara s-sentenza fil-kawża T-143/15	TA' DARBA BISS		EUR	1 866 977,31	0,00	1 866 977,31
					Total għal Spanja:	**EUR**	**1 866 977,31**	**0,00**	**1 866 977,31**

L-Istat Membru	Il-miżura	Is-sena finanzjarja	Ir-raġuni	It-tip	Il-korrezzjoni f'perċentwali	Il-munita	L-ammont	It-tnaqqis	L-impatt finanzjarju
GR	L-għajnuniet diretti diżakkoppjati	2015	Is-sena tat-talba 2014: nuqqas fid-definizzjoni ta' mergħat permanenti eliġibbli	RATA FISSA	5,00 %	EUR	− 18 583 893,42	− 6 101 337,74	− 12 482 555,68

L-Istat Membru	Il-miżura	Is-sena finanzjarja	Ir-raġuni	It-tip	Il-korrezzjoni f'perċentwali	Il-munita	L-ammont	It-tnaqqis	L-impatt finanzjarju
	L-għajnuniet diretti diżakkoppjati	2015	L-effett finanzjarju tad-deċiżjoni C(2014)8997	RATA FISSA	0,85 %	EUR	15 774 333,24	0,00	15 774 333,24
					Total għall-Greċja:	**EUR**	**– 2 809 560,18**	**– 6 101 337,74**	**3 291 777,56**

Il-munita	L-ammont	It-tnaqqis	L-impatt finanzjarju
EUR	– 942 582,87	– 6 101 337,74	5 158 754,87

Il-Partita tal-baġit: 6701

L-Istat Membru	Il-miżura	Is-sena finanzjarja	Ir-raġuni	It-tip	Il-korrezzjoni f'perċentwali	Il-munita	L-ammont	It-tnaqqis	L-impatt finanzjarju
BE	Iċ-ċertifikazzjoni	2015	Żbalji każwali FAEG SIAK	TA' DARBA BISS		EUR	– 151,23	– 0,30	– 150,93
	Iċ-ċertifikazzjoni	2015	Żball każwali FAEG mhux SIAK)	TA' DARBA BISS		EUR	– 2 946,93	0,00	– 2 946,93
					Total għall-Belġju:	**EUR**	**– 3 098,16**	**– 0,30**	**– 3 097,86**
L-Istat Membru	Il-miżura	Is-sena finanzjarja	Ir-raġuni	It-tip	Il-korrezzjoni f'perċentwali	Il-munita	L-ammont	It-tnaqqis	L-impatt finanzjarju
DE	Il-kundizzjonalità	2016	annimali b'2 ċombiet tal-widna neqsin	TA' DARBA BISS		EUR	– 141 428,68	0,00	– 141 428,68
					Total għall-Ġermanja:	**EUR**	**– 141 428,68**	**0,00**	**– 141 428,68**
L-Istat Membru	Il-miżura	Is-sena finanzjarja	Ir-raġuni	It-tip	Il-korrezzjoni f'perċentwali	Il-munita	L-ammont	It-tnaqqis	L-impatt finanzjarju
ES	L-iskrutinju tat-tranżazzjonijiet	2015	Irregolaritajiet misjuba mill-Korp taċ-Ċertifikazzjoni li għalihom ma tittieħdet l-ebda azzjoni mill-Aġenzija tal-Pagamenti.	TA' DARBA BISS		EUR	– 298 854,63	0,00	– 298 854,63

L-Istat Membru	Il-miżura	Is-sena finanzjarja	Ir-raġuni	It-tip	Il-korrezzjoni f'perċentwali	Il-munita	L-ammont	It-tnaqqis	L-impatt finanzjarju
	Iċ-ċertifikazzjoni	2015	Ittestjar sostantiv mill-Approvazzjoni tal-Kontijiet	TA' DARBA BISS		EUR	– 56 056,60	0,00	– 56 056,60
	Ir-rimborż tal-għajnuniet diretti b'rabta mad-dixxiplina finanzjarja	2015	Ittestjar sostantiv mill-approvazzjoni finanzjarja 2015	TA' DARBA BISS		EUR	– 495,84	0,00	– 495,84
					Total għal Spanja:	**EUR**	**– 355 407,07**	**0,00**	**– 355 407,07**
L-Istat Membru	Il-miżura	Is-sena finanzjarja	Ir-raġuni	It-tip	Il-korrezzjoni f'perċentwali	Il-munita	L-ammont	It-tnaqqis	L-impatt finanzjarju
FI	Il-kundizzjonalità	2014	Verifiki defiċjenti għall-SMR 4 u l-benessri tal-annimali fl-Għajnuna Diretta tas-sena tat-talba 2013	RATA FISSA	2,00 %	EUR	– 1 038 579,96	0,00	– 1 038 579,96
	Il-kundizzjonalità	2015	Applikazzjoni mhux korretta tar-repetizzjoni u t-tolleranza għall-identifikazzjoni tal-annimali, is-sena tat-talba 2014	TA' DARBA BISS		EUR	– 4 663,95	0,00	– 4 663,95
	Il-kundizzjonalità	2016	Applikazzjoni mhux korretta tar-repetizzjoni u tolleranza għall-identifikazzjoni tal-annimali, is-sena tat-talba 2015	TA' DARBA BISS		EUR	– 34 994,74	0,00	– 34 994,74
	Il-kundizzjonalità	2015	nuqqas fil-kontrolli tal-benessri tal-annimali fis-sena tat-talba 2014	RATA FISSA	2,00 %	EUR	– 500 065,51	0,00	– 500 065,51
	Il-kundizzjonalità	2016	Nuqqas fil-verifiki tal-benesseri tal-annimali, fis-sena tat-talba 2015	RATA FISSA	2,00 %	EUR	– 808 590,57	0,00	– 808 590,57
					Total għall-Finlandja:	**EUR**	**– 2 386 894,73**	**0,00**	**– 2 386 894,73**
L-Istat Membru	Il-miżura	Is-sena finanzjarja	Ir-raġuni	It-tip	Il-korrezzjoni f'perċentwali	Il-munita	L-ammont	It-tnaqqis	L-impatt finanzjarju
FR	Iċ-ċertifikazzjoni	2014	nuqqas fil-ġestjoni u kontroll amministrattiv	TA' DARBA BISS		EUR	– 4 263 667,16	– 30 723,67	– 4 232 943,49

L-Istat Membru	Il-miżura	Is-sena finanzjarja	Ir-raġuni	It-tip	Il-korrezzjoni f'perċentwali	Il-munita	L-ammont	It-tnaqqis	L-impatt finanzjarju
	Il-kundizzjonalità	2014	L-ammont inkluż fid-dikjarazzjoni annwali li mhux ġustifikat kif xieraq	TA' DARBA BISS		EUR	– 2 579,11	0,00	– 2 579,11
	Il-kundizzjonalità	2015	L-ammont inkluż fid-dikjarazzjoni annwali li mhux ġustifikat kif xieraq	TA' DARBA BISS		EUR	– 52 039,55	0,00	– 52 039,55
	Iċ-ċertifikazzjoni	2015	Każijiet ta' dejn ikkanċellat ma jridx jitħallas mill-Fondi	TA' DARBA BISS		EUR	– 83 018,34	0,00	– 83 018,34
	L-għajnuniet diretti diżakkoppjati	2014	Sistema ta' kontroll defiċjenti ħafna Corse — Is-sena tat-talba 2013	RATA FISSA	100,00 %	EUR	– 15 083 295,06	0,00	– 15 083 295,06
	L-għajnuniet diretti diżakkoppjati	2015	Sistema ta' kontroll defiċjenti ħafna Corse — Is-sena tat-talba 2013	RATA FISSA	100,00 %	EUR	– 7 869,63	0,00	– 7 869,63
	L-għajnuniet diretti diżakkoppjati	2015	Sistema ta' kontroll defiċjenti ħafna Corse — Is-sena tat-talba 2014	RATA FISSA	100,00 %	EUR	– 13 882 780,77	0,00	– 13 882 780,77
	L-għajnuniet diretti diżakkoppjati	2014	Defiċjenzi fis-sistema ta' identifikazzjoni għall-ħbula agrikoli (LPIS) (nonkonformità, karatteristiċi tal-pajsaġġ, pagamenti u sanzjonijiet) — Is-sena tat-talba 2013	TA' DARBA BISS		EUR	– 12 489 249,95	0,00	– 12 489 249,95
	L-għajnuniet diretti diżakkoppjati	2015	Defiċjenzi fis-sistema ta' identifikazzjoni għall-ħbula agrikoli (LPIS) (nonkonformità, karatteristiċi tal-pajsaġġ, pagamenti u sanzjonijiet) — Is-sena tat-talba 2014	TA' DARBA BISS		EUR	– 16 147 005,17	0,00	– 16 147 005,17
	L-għajnuniet diretti diżakkoppjati	2014	Id-determinazzjoni ta' żoni ineliġibbli ("landes et parcours") — Is-sena tat-talba 2013	RATA FISSA	10,00 %	EUR	– 17 694 014,76	0,00	– 17 694 014,76
	L-għajnuniet diretti diżakkoppjati	2014	Id-determinazzjoni ta' żoni ineliġibbli ("landes et parcours") — Is-sena tat-talba 2013	RATA FISSA	25,00 %	EUR	– 11 620 153,70	0,00	– 11 620 153,70

L-Istat Membru	Il-miżura	Is-sena finanzjarja	Ir-raġuni	It-tip	Il-korrezzjoni f'perċentwali	Il-munita	L-ammont	It-tnaqqis	L-impatt finanzjarju
	L-għajnuniet diretti diżakkoppjati	2015	Id-determinazzjoni ta' żoni ineliġibbli ("landes et parcours") — Is-sena tat-talba 2014	RATA FISSA	10,00 %	EUR	– 18 969 206,75	0,00	– 18 969 206,75
	L-għajnuniet diretti diżakkoppjati	2015	Id-determinazzjoni ta' żoni ineliġibbli ("landes et parcours") — Is-sena tat-talba 2014	RATA FISSA	25,00 %	EUR	– 11 545 441,76	0,00	– 11 545 441,76
	Iċ-ċertifikazzjoni	2015	Żbalji misjuba fit-tabelli tal-Anness III	TA' DARBA BISS		EUR	– 1 973,85	0,00	– 1 973,85
	Iċ-ċertifikazzjoni	2015	Żball magħruf għall-FAEG li ġej mill-ittestjar sostantiv	TA' DARBA BISS		EUR	– 10 700,41	0,00	– 10 700,41
	Iċ-ċertifikazzjoni	2015	Każijiet ta' dejn antik potenzjalment mhux rekuperabbli	TA' DARBA BISS		EUR	– 2 857 310,39	0,00	– 2 857 310,39
